II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1821

tas-6 ta' Ottubru 2016

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura għall-merkanzija (minn issa 'l quddiem imsejħa "in-Nomenklatura Magħquda" jew "in-NM"), biex fl-istess waqt jissodisfa r-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni, u politiki oħrajn tal-Unjoni li jikkonċernaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-merkanzija.

(2) Il-verżjoni s-sħiħa tan-NM għandha tirrifletti l-impenji internazzjonali tal-Unjoni. B'mod partikolari, jeħtieġ li jitqiesu l-aktar bidliet riċenti fin-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata annessa mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE ([2]), li jitqiesu wkoll il-bidliet li saru minħabba d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/314/UE ([3]), u l-bidliet li saru minħabba l-Ftehim fil-forma tad-Dikjarazzjoni dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ fil-Prodotti tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITA) approvat f'isem l-Unjoni, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/971 ([4]).

(3) Jeħtieġ ukoll li tiġi emendata n-NM biex, pereżempju, jitqiesu l-bidliet fir-rekwiżiti marbuta mal-istatistika u mal-politika kummerċjali, mal-iżviluppi teknoloġiċi u kummerċjali, u biex jitqies il-bżonn li t-testi jew il-bidliet fir-referenzi jiġu allinjati jew ikkjarifikati wara d-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([5]).

(4) L-Anness 1 tat-Taqsima I (l-Annessi Agrikoli) tal-Parti Tlieta (l-Annessi Tariffarji) tan-NM fih it-Tabella I għall-kalkolu tal-komponenti agrikoli (AE), id-dazji addizzjonali fuq iz-zokkor (AD S/Z) u d-dazji addizzjonali fuq id-dqiq (AD F/M). Billi d-determinazzjoni tal-kontenut ta' sukrożju/zokkor invertit/isoglukożju tal-prodotti li fihom il-fruttożju tista' fil-prattika tiġi interpretata b'modi differenti, jixraq li jiddaħħal test, imniżżel fin-nota 3 ta' qiegħ il-paġna tat-Tabella 1, li jiċċara kif għandu jsir il-kalkolu.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/314/UE tal-10 ta' Mejju 2010 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim ta' Ġinevra dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Perù u l-Venezwela u ta' Ftehim dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 141, 9.6.2010, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/971 tas-17 ta' Ġunju 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' ftehim fil-forma tad-Dikjarazzjoni dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ fil-Prodotti tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITA) (ĠU L 161, 18.6.2016, p. 2).
([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Caude JUNCKER

ANNESS I

NOMENKLATURA MAGĦQUDA

SOMMARJU

L-EWWEL PARTI – DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

Paġna

Taqsima I – Regoli ġenerali

A. Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda 15

B. Regoli ġenerali li jikkonċernaw dazji 16

C. Regoli applikabbli kemm għan-nomenklatura kif wkoll għad-dazji 17

Taqsima II – Dispożizzjonijiet speċjali

A. Oġġetti għal ċerti kategoriji ta' vapuri, dgħajjes u bastimenti oħra u għal pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni 17

B. Mezzi tal-ajru ċivili u oġġetti għall-użu f'mezzi tal-ajru ċivili 19

C. Prodotti Farmaċewtiċi 21

D. Rata standard ta' dazju 21

E. Kontenituri u materjali ta' ippakkjar 23

F. Trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura tal-oġġetti 23

Sinjali, abbrevjazzjonijiet u simboli 25

Unitajiet supplimentari 26

IT-TIENI PARTI – SKEDA TA' DAZJI TAD-DWANA

Kapuitlu Paġna

Taqsima I

Annimali ħajjin; prodotti minn annimali

1. Annimali ħajjin 29

2. Laħam u ġewwieni li jittiekel 33

3. Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn 50

4. Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra 73

5. Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra 85

Taqsima II

Prodotti veġetali

6. Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali 87

7. Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel 90

8. Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ 96

9. Kafè, te, matè u ħwawar 103

10. Ċereali 106

Kapuitlu Paġna

11. Prodotti tal-industrija tat-ħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ 111

12. Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef 116

13. Gommalakka; gomom, rażi, u linef u estratti veġetali oħrajn 121

14. Materjali veġetali tat-trizza; prodotti veġetali li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra 123

Taqsima III

Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex

15. Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xemgħat ta' annimali jew ħxejjex 125

Taqsima IV

Preparazzjonijiet tal-ikel; xorb, spirti u ħall; tabakk u sostituti manifatturati tat-tabakk

16. Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn 135

17. Zokkor u ħelu taz-zokkor 141

18. Kawkaw u preparazzjonijiet tal-kawkaw 145

19. Preparazzjonijiet ta' ċereali, dqiq, lamtu jew ħalib; prodotti ta' koki tal-għaġina 147

20. Preparazzjonijiet ta' ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti 152

21. Preparazzjonijiet diversi tajbin għall-ikel 172

22. Xorb, spirti u ħall 176

23. Fdal u skart mill-industrija tal-ikel; għalf tal-annimali ppreparat 189

24. Tabakk u sostituti manifatturati ta' tabakk 194

Taqsima V

Prodotti minerali

25. Melħ; kubrit; trabijiet u ħaġar; materjali tat-tikħil, ġir u siment 197

26. Minerali (ores), gagazza u rmied 203

27. Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali 206

Taqsima VI

Prodotti tal-industrija kimika jew dawk relatati magħha

28. Kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), ta' elementi radjoattivi jew ta' isotopi 217

29. Kimiċi organiċi 232

30. Prodotti farmaċewtiċi 259

31. Fertilizzanti 264

Kapuitlu Paġna

32. Estratti għall-ikkunzar jew għaż-żbigħ; tannini u derivattivi tagħhom; żebgħa, pigmenti u materjal ieħor taż-żbigħ; żebgħa u verniċi; stokk u gomom oħrajn; linek 268

33. Żjut essenzjali u reżinojdi; preparazzjonijiet ta' fwejjaħ, kosmetiċi jew tat-twaletta 273

34. Sapun, aġenti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (surface-active), preparazzjonijiet għal ħasil, preparazzjonijiet għal lubrikar, xemgħat artifiċjali, xemgħat ippreparati, preparazzjonijiet għal lostrar jew għal għorik, xemgħat u oġġetti simili, pasta għal mudellar, xemgħat dentali (dental waxes) u preparazzjonijiet dentali b'bażi ta' ġibs 276

35. Sustanzi albuminojdali; lamti modifikati; kolol; enżimi 279

36. Splussivi; prodotti pirotekniċi; sulfarini; ligi piroforiċi; ċerti preparazzjonijiet kombustibbli 282

37. Oġġetti fotografiċi jew ċinematografiċi 283

38. Diversi prodotti kimiċi 286

Taqsima VII

Plastik u oġġetti tiegħu; gomma u oġġetti tagħha

39. Plastiks u oġġetti tagħhom 299

40. Gomma (lastiku) u oġġetti tagħha 314

Taqsima VIII

Ġlud mhux maħdumin, ġilda, ferijiet u oġġetti magħmulin minnhom; oġġetti tas-sarraġ u xedd; oġġetti għas-safar, boroż tal-idejn u kontenituri simili; oġġetti tal-korda tal-musrana (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir)

41. Ġlud mhux maħdumin (ħlief ferijiet) u ġilda 321

42. Oġġetti tal-ġilda; oġġetti tas-sarraġ u xedd; oġġetti għas-safar, boroż tal-idejn u kontenituri simili; oġġetti tal-musrana ta' annimali (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir) 326

43. Ferijiet u fer artifiċjali; manifatturi tagħhom 329

Taqsima IX

Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam; sufra u oġġetti tas-sufra; manifatturi ta' tiben, ta' spartu jew ta' materjali oħrajn tat-trizza; xogħol tal-qfief u xogħol tal-qasab

44. Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam 331

45. Sufra u oġġetti ta' sufra 344

46. Manifatturi ta' tibna, ta' spartu jew materjali oħrajn ta' trizza; xogħol tal-qfief u xogħol tal-qasab 345

Kapuitlu Paġna

Taqsima X

Polpa tal-injam jew ta' materjal ieħor ċellulożiku fibruż; (skart u fdal ta') karta jew kartun irkuprat; karta jew kartun u oġġetti magħmulin minnhom

47. Polpa tal-injam jew ta' materjal ieħor ċellulożiku fibruż; (skart u fdal ta') karta jew kartun irkuprat 347

48. Karta u kartun; oġġetti ta' polpa tal-karta, tal-karta jew tal-kartun 349

49. Kotba stampati, gazzetti, stampi u prodotti oħrajn tal-industrija tal-istampar; manuskritti, testi ttajpjati u pjanti 360

Taqsima XI

Tessuti u oġġetti ta' tessuti

50. Ħarir 368

51. Suf, xagħar fin jew aħrax ta' annimali; ħjut u drapp minsuġ minn krin 370

52. Qoton (tajjar) 374

53. Fibri oħrajn ta' tessuti veġetali; ħjut tal-karta u drappijiet minsuġin minn ħjut tal-karta 381

54. Filamenti magħmulin mill-bniedem; strixxi u oġġetti simili ta' materjali tessili magħmulin mill-bniedem 384

55. Fibri magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) 389

56. Materjal tessili artab, feltru u materjali mhux minsuġin; ħjut speċjali; spag, ċwiemi, ħbula u kejbils u oġġetti minnhom 396

57. Twapet u kisi tal-art ieħor ta' tessuti 400

58. Drappijiet minsuġin speċjali; drappijiet ta' tessuti bil-bżiebeż; bizzilla; tapizzeriji; aċċessorji; rakkmu 403

59. Drappijiet ta' tessuti mimlijin b'sustanza oħra (impregnated), miksijin, mgħottijin jew laminati; oġġetti ta' tessuti ta' tip tajjeb għal użu industrijali 406

60. Drappijiet maħdumin bil-labar (knitted) jew bil-ganċ (crocheted) 410

61. Oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, maħdumin bil-labar (knitted) jew bil-ganċ (crocheted) 413

62. Oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, mhux maħdumin bil-labar (knitted) jew bil-ganċ (crocheted) 422

63. Oġġetti oħrajn manifatturati ta' tessuti; settijiet; ħwejjeġ li jintlibsu u oġġetti ta' tessuti li jintlibsu; ċraret 433

Taqsima XII

Ilbies għar-riġlejn, ilbies għar-ras, umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten għall-mixi, bsaten-siġġu, swat, frosti u partijiet tagħhom; rix ippreparat u oġġetti magħmulin minnu; fjuri artifiċjali; oġġetti ta' xagħar uman

64. Ilbies għar-riġlejn, getti u bħalhom; partijiet ta' dawn l-oġġetti 439

65. Ilbies għar-ras u partijiet tiegħu 445

66. Umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten għall-mixi, bsaten-siġġu, swat, frosti u partijiet tagħhom 446

67. Rix u l-ewwel rix (down) ippreparati u oġġetti magħmulin minn rix jew mill-ewwel rix; fjuri artifiċjali; oġġetti ta' xagħar uman 447

Kapuitlu Paġna

Taqsima XIII

Oġġetti tal-ġebel, ġibs, siment, asbestos, mika jew materjali simili; prodotti ta' ċeramika; ħġieġ u oġġetti tal-ħġieġ

68. Oġġetti tal-ġebel, ġibs, siment, asbestos, mika jew materjali simili 449

69. Prodotti ta' ċeramika 453

70. Ħġieġ u oġġetti tal-ħġieġ 456

Taqsima XIV

Perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli miksijin b'metall prezzjuż, u oġġetti tagħhom, ġojjelli artifiċjali; munita

71. Perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli miksijin b'metall prezzjuż, u oġġetti tagħhom, ġojjelli artifiċjali; munita 465

Taqsima XV

Metalli ta' valur baxx u oġġetti ta' metalli ta' valur baxx

72. Ħadid u azzar 472

73. Oġġetti ta' ħadid jew azzar 493

74. Ram u oġġetti tiegħu 505

75. Nikil u oġġetti tiegħu 511

76. Aluminju u oġġetti tiegħu 514

77. *(Riservata għal li jista' jkun għal użu 'l quddiem fis-Sistema Armonizzata)*

78. Ċomb u oġġetti tiegħu 519

79. Żingu u oġġetti tiegħu 522

80. Landa u oġġetti tagħha 524

81. Metalli oħrajn ta' valur baxx; ċermiti; oġġetti tagħhom 526

82. Għodod, tagħmir, pożati, mgħaref u frieket, ta' metall ta' valur baxx; bċejjeċ tagħhom ta' metall ta' valur baxx 529

83. Taħlita ta' oġġetti ta' metall ta' valur baxx 535

Taqsima XVI

Makkinarju u għodod mekkaniċi; apparat elettriku; partijiet tagħhom; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu l-ħoss; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu stampa u ħoss televiżivi u partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti

84. Reatturi nukleari, kaldaruni (boilers), makkinarju u għodod mekkaniċi; partijiet tagħhom 540

85. Makkinarju u tagħmir elettriku u partijiet tagħhom; strumenti li jirrekordjaw u jirriproduċu l-ħoss, strumenti li jirrekordjaw u jirriproduċu stampa u ħoss tat-televiżjoni, u partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti 586

Kapuitlu Paġna

Taqsima XVII

Vetturi, biċċiet tal-ajru, bastimenti u tagħmir tat-trasport assoċjat

86. Lokomottivi, magni u vaguni (rolling-stock) u partijiet tagħhom ta' ferroviji jew ta' tramm; tagħmir u armar u partijiet tagħhom għal-linji ta' ferroviji jew ta' tramm; tagħmir ta' sinjalar tat-traffiku mekkaniku (inkluż elettro-mekkaniku) ta' kull tip 616

87. Vetturi ħlief magni u vaguni (rolling-stock) ta' ferroviji jew linji tat-tramm, u partijiet u aċċessorji tagħhom . 619

88. Inġenji tal-ajru, inġenji tal-ispazju, u partijiet tagħhom 633

89. Bastimenti, dgħajjes u strutturi li jżommu f'wiċċ l-ilma 635

Taqsima XVIII

Strumenti u apparat ottiku, fotografiku, ċinematografiku, ta' kejl, ta' iċċekkjar, ta' preċiżjoni, mediku jew kirurġiku; arloġġi u arloġġi tal-idejn; strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji tagħhom

90. Strumenti u apparat ottiku, fotografiku, ċinematografiku, għal kejl, għal iċċekkjar, ta' preċiżjoni, mediku jew kirurġiku; partijiet u aċċessorji tagħhom 639

91. Arloġġi u arloġġi tal-idejn jew tal-but u partijiet tagħhom 653

92. Strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji ta' oġġetti bħal dawn 657

Taqsima XIX

Armi u munizzjon; partijiet u aċċessorji tagħhom

93. Armi u munizzjon; partijiet u aċċessorji tagħhom 659

Taqsima XX

Oġġetti manifatturati varji

94. Għamara; friex, mtieraħ, irfid għal imtieraħ, kuxxini u tagħmir (furnishing)simili mimli; lampi u tagħmir (fittings) tad-dawl mhux speċifikati jew inklużi band' oħra; sinjali mdawwlin, pjanċi tal-ismijiet imdawwlin u simili; bini prefabbrikat 661

95. Ġugarelli, logħob u rekwiżiti tal-isports; partijiet u aċċessorji tagħhom 666

96. Oġġetti manifatturati varji 670

Taqsima XXI

Xogħlijiet tal-arti, biċċiet tal-kollezzjoni u antikitajiet

97. Xogħlijiet tal-arti, biċċiet tal-kollezzjoni u antikitajiet 675

98. Makkinarju industrijali komplet 677

99. Kodiċi speċjali tan-nomenklatura magħquda 681

IT-TIELET PARTI – ANNESSI GĦAT-TARIFFA

Paġna

Taqsima I – Annessi agrikoli

Anness 1 Komponenti agrikoli (EA), dazji addizzjonali għaz-zokkor (AD S/Z) u dazji addizzjonali għad-dqiq (AD F/M) 687

Anness 2 Prodotti li għalihom japplika prezz ta' dħul 703

Taqsima II – Lista ta' sustanzi farmaċewtiċi li jikkwalifikaw għal trattament mingħajr dazju

Anness 3 Lista ta' ismijiet mhux proprjetarji internazzjonali (inns), mogħtijin għal sustanzi farmaċewtiċi mill-organizzazzjoni dinjija tas-saħħa, li huma meħlusin mid-dazju 749

Anness 4 Lista ta' prefissi u suffissi li, flimkien mal-inns tal-anness 3, jiddeskrivu l-melħ, l-esteri jew l-idrati ta' inns; dan il-melħ, esteri u idrati huma ħielsa mid-dazju, sakemm huma klassifikabbli taħt l-istess titlu tas-sistema armonizzata (sa) b'sitt numri bħall-inn korrispondenti 871

Anness 5 Melħ, esteri u idrati ta' inns, li mhumiex ikklassifikati taħt l-istess titlu tas-sistema armonizzata (sa) bħall-inns korrispondenti u li huma ħielsa mid-dazju 885

Anness 6 Lista ta' intermedji farmaċewtiċi, jiġifieri komposti ta' tip użati għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi mitmumin, li huma ħielsa mid-dazju 889

Taqsima III

Anness 7 (*Riservata għal li jista' jkun għal użu 'l quddiem fis-Sistema Armonizzata*) 925

Taqsima IV – Trattament favorevoli tat-tariffa minħabba fin-natura tal-oġġetti

Anness 8 Oġġetti li mhumiex tajbin għall-konsum (lista ta' sustanzi żnaturanti) 929

Anness 9 Ċertifikati 935

Anness 10 Kodiċijiet TARIC statistiċi 951

L-EWWEL PARTI

DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

TAQSIMA I

REGOLI ĠENERALI

A. **Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda**

Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda għandha tkun irregolata mill-prinċipji li ġejjin:

1. It-titli tat-taqsimiet, kapitli u subkapitli huma maħsubin għall-ħeffa ta' referenza biss; għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skond it-termini tat-titli u n-noti ta' kwalunkwe taqsima jew kapitlu relattiv u, sakemm dawn t-titli jew in-noti ma jkunux jeħtieġu mod ieħor, skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

2. (a) Kwalunkwe referenza f'titlu għal oġġett għandha titqies li tinkludi referenza għal dak l-oġġett mhux komplut jew mhux mitmum, sakemm, kif preżentat, l-oġġett mhux komplut jew mhux mitmum ikollu l-karattru essenzjali ta' l-oġġett komplut jew mitmum. Għandha wkoll titqies li tinkludi referenza għal dak l-oġġett komplut jew mitmum (jew li jista' jkun klassifikat bħala komplut jew mitmum permezz ta' din ir-regola), preżentat mhux armat jew żarmat.

   (b) Kwalunkwe referenza f'titlu għal materjal jew sustanza għandha titqies li tinkludi referenza għal taħlit jew kombinazzjonijiet ta' dak il-materjal jew is-sustanza b'materjali jew sustanzi oħra. Kwalunkwe referenza għal oġġetti ta' ċertu materjal jew sustanza għandha titqies li tinkludi referenza għal oġġetti li jikkonsistu totalment jew parzjalment minn materjal jew sustanza bħal din. Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti magħmulin minn iżjed minn materjal jew sustanza waħda għandha ssir skond il-prinċipji ta' regola 3.

3. Meta permezz ta' l-applikazzjoni tar-regola 2(b) jew kwalunkwe raġuni oħra, l-oġġetti jkunu klassifikati *prima facie* f'titlu wieħed jew iżjed, il-klassifikazzjoni għandha ssir kif ġej:

   (a) it-titlu li jagħti l-iżjed deskrizzjoni speċifika għandha tkun preferuta għal titli li jagħtu deskrizzjoni iżjed ġenerali. Madanakollu, meta jkun hemm żewġ titli jew iżjed li kull wieħed minnhom jirreferi għal parti waħda mill-materjali jew mis-sustanzi li qegħdin f'oġġetti mħalltin jew komposti jew għal parti biss mill-oġġetti f'sett imtella' għal bejgħ bl-imnut, dawk t-titli għandhom jitqiesu ugwalment speċifiċi fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, ukoll jekk wieħed minnhom jagħti deskrizzjoni iżjed kompluta jew preċiża ta' l-oġġetti;

   (b) taħlitiet, oġġetti komposti li jikkonsistu minn materjali differenti jew magħmulin minn komponenti differenti, u oġġetti mtellgħin għal bejgħ bl-imnut, li ma jistgħux ikunu klassifikati b'referenza għal 3(a), għandhom ikunu klassifikati daqs li kieku kienu magħmulin mill-materjal jew mill-komponent li jagħtihom il-karattru essenzjali tagħhom, sakemm dan il-kriterju jkun applikabbli;

   (ċ) meta oġġetti ma jistgħux ikunu klassifikati b'referenza għal 3(a) jew (b), huma għandhom ikunu klassifikati fit-titlu li jiġi l-aħħar f'ordni numerika fost dawk li ugwalment għandha tingħatalhom konsiderazzjoni.

4. Oġġetti li ma jistgħux ikunu klassifikati skond ir-regoli ta' hawn fuq għandhom ikunu klassifikati fit-titlu xieraq għall-oġġetti li huma l-iżjed jixbħu.

5. Bħala żieda mad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward ta' oġġetti imsemmijin fihom:

   (a) kaxex ta' kameras, kaxex ta' strumenti mużikali, kaxex ta' xkubetti, kaxex ta' strumenti tat-tpinġija, kaxex ta' ġiżirajjen u kontenituri simili, ffurmati jew imdaħħlin apposta biex iżommu oġġett speċifiku jew sett ta' oġġetti, kif xieraq għal użu fit-tul u ppreżentati ma' l-oġġetti li għalihom huma intiżi, għandhom ikunu klassifikati ma' tali oġġetti meta jkunu ta' tip normalment mibjugħ magħhom. Din ir-regola, madanakollu, ma tapplikax għal kontenituri li jagħtu lill-oġġett intier il-karattru essenzjali tiegħu;

(b) suġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regola 5(a), il-materjali u l-kontenituri ([1]), ta' l-ippakkjar ippreżentati ma' l-oġġetti ta' ġo fihom għandhom ikunu klassifikati ma' l-oġġetti jekk huma ta' tip normalment użati fl-ippakkjar ta' oġġetti bħal dawn. Madanakollu, din id-dispożizzjoni ma torbotx meta materjali ta' ippakkjar jew kontenituri ta' ippakkjar bħal dawn ikunu jidhru biċ-ċar li huma qegħdin għal użu repetittiv.

6. Għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fis-subtitli ta' titlu għandha tkun deċiża skond it-termini ta' dawk is-subtitli u kwalunkwe noti ta' subtitli relatati u, *mutatis mutandis* skond ir-regoli ta' hawn fuq, skond il-kondizzjoni li subtitli fl-istess livell biss huma komparabbli. Għall-għanijiet ta' din ir-regola t-taqsima relattiva u n-noti tal-kapitlu japplikaw ukoll, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor.

B. **Regoli ġenerali li jikkonċernaw dazji**

1. Id-dazji tad-dwana applikabbli għal oġġetti importati li joriġinaw f'pajjiżi li huma Partijiet Kuntrattwali tal-Ftehim Ġenerali fuq Tariffi u Negozju (GATT) jew li magħhom il-Unjoni Ewropea laħqet ftehim li fih il-klawsola tat-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit għandhom ikunu d-dazji konvenzjonali murijin fil-kolonna 3 ta' l-iskeda tad-dazji. Sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor, dawn id-dazji konvenzjonali japplikaw għal oġġetti, għajr dawk imsemmijin hawn fuq, importati minn kwalunkwe pajjiż terz.

   Ir-rati ta' dazji konvenzjonali murijin fil-kolonna 3 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2017.

   Meta rati ta' dazji awtonomi jkunu inqas mir-rati ta' dazji konvenzjonali, id-dazji awtonomi, murijin permezz ta' nota fil-qiegħ, japplikaw.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fejn dazji tad-dwana awtonomi speċjali jingħataw fir-rigward ta' oġġetti li joriġinaw f'ċertu pajjiżi jew fejn dazji tad-dwana preferenzjali japplikaw skond ftehim li jkun sar.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jipprekludu lill-Pajjiżi Membri milli japplikaw dazji tad-dwana għajr dawk tat-Tariffa Doganali Komuni fejn l-applikazzjoni ta' dazji oħra bħal dawn tkun ġustifikata mil-liġi tal-Unjoni Ewropea.

4. Id-dazji mniżżlin bħala rati perċentwali huma dazji *ad valorem*.

5. Is-simbolu "EA" jindika li l-oġġetti konċernati jistgħu jkollhom taxxa ta' "komponent agrikolu" stipulat skond l-Anness 1.

6. Is-simbolu "AD S/Z" jew "AD F/M" fil-Kapitli 17 sa 19 jindika li r-rata massima ta' dazju tikkonsisti f'dazju *ad valorem* biż-żieda ta' dazju addizzjonali għal ċerti forom ta' zokkor jew dqiq. Dan id-dazju addizzjonali huwa stipulat skond id-dispożizzjonijiet ta' Anness 1.

7. Fil-Kapitlu 22, is-simbolu "€/% vol/hl" ifisser li dazju speċifiku, espress f'euro, għandu jkun kalkolat għal kull volum perċentwali ta' alkoħol għal kull ettolitru. B'hekk xarba li jkollha kontenut ta' alkoħol bil-volum ta' 40 % għandha tkun intaxxata kif ġej:

   — "€ 1/% vol/hl" = € 1 × 40, li jagħti dazju ta' € 40 għal kull ettolitru, jew

   — "€ 1/% vol/hl + € 5/hl" = € 1 × 40 biż-żieda ta' € 5, li jagħti dazju ta' € 45 għal kull ettolitru.

   Fejn, minbarra dan, jidher valur minimu (MIN), per eżempju "€ 1,6/% vol/hl MIN € 9/hl", dan ifisser li d-dazju, kalkolat fuq il-bażi tar-regola msemmija hawn fuq, għandu jkun komparat mad-dazju minimu, per eżempju "€ 9/hl", u l-ogħla mit-tnejn għandu jkun applikat.

([1]) It-termini "materjali ta' ippakkjar" u "kontenituri ta' ippakkjar" ifissru kwalunkwe kontenituri esterni jew interni, *holders*, sarr jew irfid għajr armar għat-trasport (eż. kontenituri għat-trasport), tarpolini, taljoli jew tagħmir ta' trasport anċillari. It-terminu "kontenituri ta' ippakkjar" ma jkoprix il-kontenituri msemmijin fir-regola ġenerali 5(a).

Ċ. **Regoli applikabbli kemm għan-nomenklatura kif ukoll għad-dazji**

1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet relatati ma' valur tad-dwana għandhom ikunu applikati biex ikun deċiż, minbarra l-valur għall-kalkolu ta' dazji tad-dwana *ad valorem*, il-valuri li b'referenza għalihom l-iskop ta' ċerti titli jew subtitli huwa definit.

2. Il-piż dazjabbli, fil-każ ta' oġġetti li jkunu ntaxxati bil-piż, u l-piżijiet li b'referenza għalihom l-iskop ta' ċerti titli jew subtitli huwa definit, għandu jitqies li huwa:

   (a) fil-każ ta' referenza għal piż gross, il-piż aggregat ta' l-oġġetti u tal-materjali ta' ippakkjar u l-kontenituri ta' ippakkjar kollha;

   (b) fil-każ ta' referenza għal piż nett jew sempliċement piż mingħajr kwalifika, il-piż ta' l-oġġetti nfushom mingħajr materjali ta' ppakkjar jew kontenituri ta' ippakkjar ta' kwalunkwe tip.

3. L-ekwivalenti tal-ewro fil-muniti nazzjonali, għall-Istati Membri għajr dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw skont kif inhu ddefinit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'Stati Membri mhux parteċipanti'), għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 ([2]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

4. Oġġetti eliġibbli għal trattament ta' tariffa favorevoli minħabba l-użu finali tagħhom:

   Fejn id-dazju tal-importazzjoni li japplika, skont l-arranġamenti tal-użu aħħari, għall-prodotti għal użu aħħari speċifiku ma jkunx anqas minn dak li normalment kien ikun japplika għal dawn il-prodotti, l-imsemmija prodotti għandhom jiġu kklassifikati fil-kodiċi li jirreferi għall-użu aħħari u ma għandux japplika l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

TAQSIMA II

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

A. **Oġġetti għal ċerti kategoriji ta' vapuri, dgħajjes u bastimenti oħra u għal pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni**

1. Id-dazji tad-dwana għandhom ikunu sospiżi għal oġġetti intiżi biex ikunu inkorporati f'vapuri, dgħajjes jew bastimenti oħrajn mniżżlin fl-iskeda li ġejja, għall-għanijiet tal-kostruzzjoni, tiswija, manteniment jew konverżjoni tagħhom, u għal oġġetti intiżi li jitwaħħlu fuq u jarmaw vapuri, dgħajjes jew bastimenti oħrajn bħal dawn.

2. Id-dazji tad-dwana għandhom ikunu sospiżi għal:

   (a) oġġetti intiżi biex ikunu inkorporati fi pjattaformi għat-tħaffir jew produzzjoni taż-żejt:

      (1) fissi, tas-subtitlu ex 8430 49 li joperaw fil-baħar territorjali ta' Pajjiżi Membri jew barra minnu, jew

      (2) li jżommu f'wiċċ l-ilma jew sommerġibbli, ta' subtitlu 8905 20,

      għall-għanijiet tal-kostruzzjoni, tiswija, manteniment jew konverżjoni tagħhom, u għal oġġetti intiżi li jarmaw l-imsemmijin pjattaformi.

      Dawk l-oġġetti bħal karburanti tal-mutur, lubrikanti u gass, li huma meħtieġa għall-operazzjoni ta' magni u apparat li ma jaffettwax permanentament, u li m'humiex parti integrali mill-pjattaformi u li jintużaw abbord għall-kostruzzjoni, għat-tiswija, għall-manteniment, għall-konverżjoni jew għat-tagħmir ta' dawn il-pjattaformi jitqiesu ukoll li jintużaw biex ikunu inkorporati fi pjattaformi għal tħaffir jew produzzjoni taż-żejt;

   (b) tubi, pajpijiet, kejbils, u l-partijiet ta' konnessjoni tagħhom, li jgħaqqdu dawn il-pjattaformi għal tħaffir jew produzzjoni ma' l-art prinċipali.

([1]) ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8901	**Vapuri ta' kruċiera, dgħajjes ta' eskursjoni, laneċ, braken u bastimenti simili għat-trasport ta' persuni jew oġġetti:**
8901 10	**– Vapuri ta' kruċiera, dgħajjes ta' eskursjoni u bastimenti simili prinċipalment iddisinjati għat-trasport ta' persuni; laneċ ta' kull tip:**
8901 10 10	– – Li jbaħħru
8901 20	**– Tankers:**
8901 20 10	– – Li jbaħħru
8901 30	**– Bastimenti friġġ, għajr dawk ta' subtitlu 8901 20:**
8901 30 10	– – Li jbaħħru
8901 90	**– Bastimenti oħrajn għat-trasport ta' oġġetti u bastimenti oħrajn għat-trasport kemm ta' persuni kif ukoll ta' oġġetti:**
8901 90 10	– – Li jbaħħru
8902 00	**Bastimenti għal sajd; bastimenti fabbrika u bastimenti oħrajn għal proċessar jew preservar ta' prodotti tas-sajd:**
8902 00 10	– Li jbaħħru
8903	**Jottijiet u bastimenti oħrajn għall-passatemp jew sports; dgħajjes tal-qdif u kenuri:**
	– Oħrajn:
8903 91	**– – Dgħajjes tal-qlugħ, b'mutur awżiljarju jew mingħajru:**
8903 91 10	– – – Li jbaħħru
8903 92	**– – Dgħajjes bil-mutur, minbarra dgħajjes b'mutur awtbord:**
8903 92 10	– – – Li jbaħħru
8904 00	**Laneċ ta' l-irmonk u "*pusher craft*":**
8904 00 10	– Laneċ ta' l-irmonk
	– *Pusher craft*:
8904 00 91	– – Li jbaħħru
8905	**Bastimenti ħfief, *fire-floats*, dreġers, krejnijiet li jżommu f'wiċċ l-ilma, u bastimenti oħrajn li l-istat navigabbli tagħhom huwa sussidjarju għall-funzjoni prinċipali tagħhom; baċiri li jżommu f'wiċċ l-ilma; pjattaformi għal tħaffir jew għall-produzzjoni taż-żejt li jżommu f'wiċċ l-ilma jew li huma sommerġibbli:**
8905 10	**– Dreġers:**
8905 10 10	– – Li jbaħħru
8905 90	**– Oħrajn:**
8905 90 10	– – Li jbaħħru
8906	**Bastimenti oħrajn, inklużi bastimenti tal-gwerra u dgħajjes tas-salvataġġ barra minn dgħajjes bil-qdif:**
8906 10 00	– Bastimenti tal-gwerra
	– Oħrajn:
8906 90 10	– – Li jbaħħru

3. Is-sospensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fid-disposizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea rilevanti bil-ħsieb ta' kontroll tad-dwana ta' l-użu ta' oġġetti bħal dawn.

B. **Mezzi ta' l-ajru ċivili u oġġetti għall-użu f'mezzi ta' l-ajru ċivili**

1. Ħelsien minn dazju tad-dwana huwa maħsub għal:

— mezzi ta' l-ajru ċivili,

— ċerti oġġetti għall-użu f'mezzi ta' l-ajru ċivili u biex ikunu inkorporati fihom fil-proċess tal-manifattura, tiswija, manutenzjoni, bini mill-ġdid, modifikazzjoni jew konverżjoni,

— tagħmir fuq l-art għat-taħriġ għat-titjir u l-partijiet tagħhom, għall-użu ċivili.

Dawn l-oġġetti huma koperti mit-titli u s-subtitli elenkati fit-tabelli f'paragrafu 5.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni inċiżi, "mezzi ta' l-ajru ċivili" tfisser mezzi ta' l-ajru minbarra mezzi ta' l-ajru użati f'servizzi militari jew servizzi simili fil-Pajjiżi Membri li għandhom reġistrazzjoni militari jew mhux ċivili.

3. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1, it-tieni inċiż, l-espressjoni "għal użu f'mezzi ta' l-ajru ċivili" għandha tinkludi oġġetti li jintużaw fi trainers għal titjir fil-baxx għal użu ċivili.

4. L-eżenzjoni mid-dazji doganali huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontrol doganali tal-użu ta' dawn il-prodotti (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013).

5. L-oġġetti li huma eliġibbli għal dan il-ħelsien mid-dazji tad-dwana huma koperti b'dawn it-titli jew subtitli:

3917 40, 4011 30, 4012 13, 4012 20, 4017 00, 6812 99, 7324 10, 7326 20, 8302 10, 8302 20, 8302 42, 8302 49, 8302 60, 8407 10, 8408 90, 8409 10, 8411, 8412 10, 8412 21, 8412 29, 8412 31, 8412 39, 8412 80 80, 8412 90, 8413 19, 8413 20, 8413 30, 8413 50, 8413 60, 8413 70, 8413 81, 8413 91, 8414 10, 8414 20, 8414 30, 8414 51, 8414 59, 8414 80, 8414 90, 8415 81, 8415 82, 8415 83, 8418 10, 8418 30, 8418 40, 8418 61, 8418 69, 8419 50, 8419 81, 8421 19, 8421 21, 8421 23, 8421 29, 8421 31, 8421 39, 8424 10, 8479 90, 8483 10, 8483 30, 8483 40, 8483 50, 8483 60, 8483 90, 8484 10, 8484 90, 8501 32, 8501 52, 8501 61, 8501 62, 8501 63, 8502, 8504 10, 8504 31, 8504 32, 8504 33, 8504 40, 8504 50, 8507, 8511 10, 8511 20, 8511 30, 8511 40, 8511 50, 8511 80, 8518 10, 8518 22, 8518 29, 8518 30, 8518 40, 8518 50, 8519 81 95, 8521 10, 8526, 8528 42, 8528 52, 8528 62, 8529 10, 8531 10 95, 8531 20, 8531 80, 8539 10, 8544 30, 8801, 8802 11, 8802 12, 8802 20, 8802 30, 8802 40, 8803 10, 8803 20, 8803 30, 9001 90, 9002 90, 9014 10, 9025, 9029 20 38, 9030 31, 9030 33, 9030 89, 9032, 9104.

Għas-subtitli li ġejjin, il-ħelsien mid-dazju tad-dwana għall-użu tal-mezzi ta' l-ajru ċivili hu mogħti biss lill-oġġetti deskritti f'kolonna 2:

Subtitlu	Deskrizzjoni
3917 21 90, 3917 22 90, 3917 23 90, 3917 29 00, 3917 31, 3917 33, 3917 39 00, 7413 00, 8307 10, 8307 90	B'tagħmir imwaħħal
4008 29	Forom profil, maqtugħin għal qies
4009 12, 4009 22, 4009 32, 4009 42	Tajbin għat-twassil ta' gassijiet jew likwidi
3926 90, 4016 10, 4016 93, 4016 99	Għall-użi tekniċi
4504 90	Gaskits, woxers u siġilli oħrajn
6812 80	Ħlief ħwejjeġ, aċċessorji ta' ħwejjeġ, ilbies għar-riġlejn u xedd għar-ras, karta, kartun qawwi, feltru jew materjal li jġonġi ta' fibra ta' asbestos kompressat, f'folji jew rombli
6813 20, 6813 81, 6813 89	B'bażi ta' asbestos jew sustanzi minerali oħrajn
7007 21	Windskrins, mingħajr gwarniċi
7322 90	Ħiters ta' l-arja u distributuri ta' arja sħuna (eskluż partijiet tagħhom)
7324 90	Oġġetti għall-kamra tal-banju (ħlief partijiet tagħhom)
7608 10, 7608 20	B'tagħmir magħhom, tajbin għat-trasmissjoni ta' gassijiet jew ta' likwidi
8108 90	Tubi u pajpijiet, b'tagħmir imwaħħal, tajbin għal trasmissjoni ta' gassijiet jew likwidi
8415 90	Ta' magni ta' arja kundizzjonata ta' subtitli 8415 81, 8415 82 jew 8415 83
8419 90	Ta' unitajiet għal trasferiment ta' sħana
8479 89	Batteriji idropnewmatiċi; azzjonisti mekkaniċi għal qtugħ ta' l-imbuttatura (*thrust reversers*); unitajiet tat-tojlit maħdumin apposta; umidifikaturi u deumidifikaturi ta' l-arja; servomekkaniżmi, mhux elettriċi; muturi ta' l-istarter mhux elettriċi; starters pnewmatiċi għal ġettijiet turbo, skrejjen turbo u turbini oħrajn tal-gass; wajpers tal-windskrin, mhux elettriċi; regulaturi ta' l-iskrejjen, mhux elettriċi
8501 20, 8501 40	Bi produzzjoni ta' enerġija aktar minn 735 W iżda mhux aktar minn 150 kW
8501 31	Muturi bi produzzjoni ta' enerġija aktar minn 735 W, ġeneraturi DC
8501 33	Muturi bi produzzjoni ta' enerġija mhux aktar minn 150 kW u ġeneraturi
8501 34	Ġeneraturi bi produzzjoni ta' enerġija aktar minn 375 kW
8501 51	Bi produzzjoni ta' enerġija mhux aktar minn 735 W
8501 53	Bi produzzjoni ta' enerġija mhux aktar minn 150 kW
8516 80 20	Immuntati biss b'bobbina sempliċi iżolata u konnessjonijiet elettriċi, użati għal kontra s-silġ jew għat-tneħħija tas-silġ
8522 90	Immuntar u sub-immuntar magħmulin minn żewġ partijiet jew biċċiet jew aktar marbutin jew imwaħħlin flimkien, għal apparat ta' subtitlu 8519 81 95
8529 90	Immuntar u sub-immuntar magħmulin minn żewġ partijiet jew biċċiet jew aktar marbutin jew imwaħħlin flimkien, għal apparat ta' titlu 8526
8536 70	Konnekters ta' plastiks użati għal fibra ottika, mazzi jew kejbils ta' fibra ottika
8543 70 04, 8543 70 90	Reġistraturi ta' titjiriet, *synchros* u *transducers* elettriċi, defrostaturi u *demisters* b'*resistors* elettriċi
8803 90 90	Inklużi l-glajders
9020 00	Partijiet eskluż
9029 10	Apparat għal kejl ta' dawran ta' l-elettriku jew elettroniku
9029 90	Apparat għal kejl ta' dawran, indikaturi ta' veloċità u takometri
9109 10, 9109 90	Ta' wisgħa jew dijametru mhux aktar minn 50 mm
9405 10, 9405 60	Ta' plastiks jew ta' metall ta' valur baxx
9405 92, 9405 99	Ta' plastiks jew ta' metall ta' valur baxx, bċejjeċ mill-oġġetti ta' subtitlu 9405 10 jew 9405 60

6. Il-prodotti speċifikati fil-paragrafu 5 qegħdin integrati fil-kodiċi TARIC skont is-sottointestatura b'referenza f'qiegħ il-paġna kif ġej: "L-entrata f'din is-sottointestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013)".

Ċ. **Prodotti Farmaċewtiċi**

1. Ħelsien minn dazju tad-dwana huwa maħsub għal prodotti farmaċewtiċi tal-kategoriji li ġejjin:

   (1) sustanzi farmaċewtiċi koperti mill-CAS RN (*chemical abstracts service registry numbers*) u mill-*international non-proprietary names* (*INN*) elenkati fl-Anness 3;

   (2) melħ, esteri u idrati ta' *INN* li jistgħu jkunu deskritti billi jkunu kombinati *INN* ta' l-Anness 3 ma' prefissi jew suffissi ta' l-Anness 4, sakemm prodotti bħal dawn jistgħu jkunu klassifikati fl-istess titlu SA b'6 numri bħall-*INN* rilevanti;

   (3) melħ, esteri u idrati ta' *INN* li huma elenkati fl-Anness 5 u li m'humiex klassifikabbli fl-istess titlu SA b'6 numri bħall-*INN* korrispondenti;

   (4) intermedji farmaċewtiċi, jiġifieri komposti ta' tip użati fil-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi lesti li huma koperti mill-CAS RN u l-ismijiet kimiċi, elenkati fl-Anness 6.

2. Każijiet speċjali:

   (1) *INN*s ikopru biss dawk is-sustanzi mfissra fil-listi ta' *INN*s rakkomandati u proposti ppublikati mill-Għaqda Dinjija għas-Saħħa (WHO). Fejn in-numru ta' sustanzi koperti minn *INN* huwa inqas minn dak kopert miċ-CAS RN, dawk is-sustanzi koperti mill-*INN* biss għandhom ikunu suġġetti għal trattament mingħajr dazju;

   (2) fejn prodott ta' l-Anness 3 jew l-Anness 6 ikun identifikat minn CAS RN jikkorrispondi għal *isomer* speċifiku, dak l-*isomer* biss jista' jikkwalifika għal trattament mingħajr dazju.

   (3) derivattivi doppji (melħ, esteri u idrati) ta' *INN*s identifikati permezz ta' għaqda ta' *INN* ta' l-Anness 3 ma' prefiss jew suffiss ta' l-Anness 4 jikkwalifikaw għal trattament mingħajr dazju, sakemm huma jkunu klassifikabbli fl-istess titlu SA b'sitt numri bħall-*INN* rilevanti:

   eżempju: ester ta' l-analina metil, idrokloru;

   (4) fejn *INN* ta' l-Anness 3 huwa melħ (jew ester), l-ebda melħ (jew ester) ieħor ta' l-aċidu li jikkorrispondi ma' l-*INN* ma jista' jikkwalifika għal trattament mingħajr dazju:

   eżempju: potassju oxprenoat (*INN*): mingħajr dazju

   sodju oxprenoat: mhuwiex bla dazju

D. **Rata standard ta' dazju**

1. Dazju tad-dwana għandu jitħallas bir-rata fissa ta' 2,5 % *ad valorem* fuq oġġetti:

   — li jkunu f'kunsinni mibgħutin minn individwu privat lil ieħor, jew

   — li jkunu fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi,

   sakemm dawn l-importazzjonijiet ma jkunux ta' natura kummerċjali.

Din ir-rata fissa ta' 2,5 % dazju doganali għandha tapplika, sakemm il-valur intrinsiku ta' l-oġġetti soġġetti għal dazji ta' importazzjoni ma jaqbiżx € 700 għal kull konsenja jew għal kull vjaġġatur.

Din il-valutazzjoni b'rata fissa ma għandhiex tapplika għal oġġetti li għalihom ir-rata tad-dazju fl-iskeda ta' dazji doganali hija "eżentata" u għal oġġetti tal-Kapitolu 24 li jinstabu f'konsenja jew f'bagalji personali talpassiġġieri f'ammonti li jeċċedu dawk elenkati fl-Artikolu 27 jew skont l-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali ([1]).

2. Importazzjonijiet għandhom jitqiesu li m'humiex ta' natura kummerċjali jekk:

(a) fil-każ ta' oġġetti li jkunu f'kunsinni mibgħutin minn individwu privat lil ieħor, kunsinni bħal dawn:

— ikunu ta' natura okkażjonali,

— ikun fihom oġġetti esklużivament għall-użu personali tad-destinatarju jew tal-familja tiegħu, li bin-natura jew kwantità tagħhom ma jirriflettu l-ebda interess kummerċjali,

— jintbagħtu lid-destinatarju mill-kunsinnatarju mingħajr ħlas ta' kwalunkwe tip;

(b) fil-każ ta' oġġetti li jkunu f'bagalji personali ta' vjaġġaturi, huma:

— jkunu ta' natura okkażjonali u

— jikkonsistu esklużivament minn oġġetti għall-użu personali tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom, jew minn oġġetti maħsubin bħala rigali; in-natura u l-kwantità ta' oġġetti bħal dawn m'għandhomx ikunu tali li jistgħu jindikaw li huma qed ikunu importati għal raġunijiet kummerċjali.

3. Ir-rata fissa ta' dazju tad-dwana m'għandhiex tapplika għal oġġetti importati taħt il-kondizzjonijiet stipulati filparagrafi 1 u 2 jekk il-persuna intitolata, qabel ma r-rata fissa msemmija ġiet applikata għalihom, talbet biex huma jkunu suġġetti għal dazji tad-dwana kif suppost. L-oġġetti kollha li jiffurmaw il-kunsinna għandhom imbagħad ikunu suġġetti għaddazji tal-importazzjoni kif suppost, mingħajr preġudizzju għad-dħul mingħajr dazju maħsub skont Artikli 25 sa 27 u 41 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

Għall-għanijiet ta' l-ewwel subparagrafu, dazji ta' l-importazzjoni għandhom ifissru kemm dazji tad-dwana u taxxi li għandhom effett ekwivalenti u taxxi oħrajn ta' importazzjoni maħsubin skond il-politika komuni agrikola jew skond arranġamenti speċifiċi applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli.

4. Pajjiżi Membri mhux parteċipanti jistgħu jqarrbu għall-eqreb ammont f'munita nazzjonali li jirriżulta mill-konverżjoni tas-somma ta' € 700.

5. L-Istati Membri mhux parteċipanti jistgħu jżommu l-ekwivalenti tas-somma ta' EUR 700 fil-munita nazzjonali mingħajr ma ssir konverżjoni jekk fil-ħin tal-aġġustament annwali stipulat fl-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, il-konverżjoni ta' dan l-ammont, qabel ma jsir aġġustament taċ-ċifra għad-dritt, kif stipulat fil-paragrafu 4, tirriżulta f'konverżjoni ta' inqas minn 5 % tas-somma ekwivalenti fil-munita nazzjonali, jew fi tnaqqis tagħha.

([1]) ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23.

E. **Kontenituri u materjali ta' ippakkjar**

Id-disposizzjonijiet li ġejjin huma applikabbli għall-kontenituri u l-materjali ta' ippakkjar imsemmijin fir-regola ġenerali interpretattiva 5 (a) u (b) u mqegħdin fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-istess ħin bħall-oġġetti li huma jkollhom fihom jew li magħhom huma jkunu preżentati.

1. Meta l-kontenituri u l-materjali ta' ppakkjar ikunu klassifikati ma' l-oġġetti skond id-dispożizzjonijiet tar-regola ġenerali interpretattiva 5, huma għandhom:

   (a) iħallsu l-istess rata ta' dazju tad-dwana bħall-oġġetti:

      — fejn oġġetti bħal dawn huma suġġetti għal dazju tad-dwana *ad valorem*, jew

      — fejn huma għandhom ikunu inklużi fil-piż taxxabbli ta' l-oġġetti;

   (b) imdaħħlin mingħajr dazji tad-dwana:

      — fejn l-oġġetti jkunu mingħajr dazju tad-dwana, jew

      — fejn l-oġġetti huma taxxabbli mod ieħor ħlief b'referenza għall-piż jew għall-valur, jew

      — fejn il-piż tal-kontenituri u l-materjali ta' ppakkjar m'għandux ikun inkluż fil-piż taxxabbli ta' l-oġġetti.

2. Fejn il-kontenituri u l-materjali ta' ippakkjar koperti mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 (a) u (b) ikun fihom jew ikunu preżentati flimkien ma' oġġetti ta' diversi deskrizzjonijiet tat-tariffa, il-piż u l-valur tal-kontenituri u l-materjali ta' ppakkjar għandhom, bil-għan li jkun determinat il-piż jew il-valur taxxabbli tagħhom, jitqassmu fost l-oġġetti kollha ta' ġewwa, bi proporzjon mal-piż jew mal-valur ta' dawk l-oġġetti.

F. **Trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura ta' l-oġġetti**

1. Taħt ċerti kondizzjonijiet, trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura ta' l-oġġetti huwa maħsub għal:

   — oġġetti mhux tajbin għall-konsum,

   — żrieragħ,

   — drapp tal-pezza, mhux maħdum,

   — ċerti tipi ta' għeneb tal-mejda frisk, tabakk u nitrat.

   Dawn l-oġġetti huma koperti b'subtitli ([1]) b'nota ta' referenza fil-qiegħ f'dawn it-termini: "Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għal kundizzjonijiet stipulati f'taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari." jew "Dan it-trattament tariffarju favorevoli huwa suġġett għall-konformità mal-formalitajiet u kundizzjonijiet stipulati f'taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari."

2. Oġġetti mhux tajbin għall-konsum li għalihom jingħata trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura tagħhom huma elenkati f'Anness 8 b'referenza għat-titlu li fih huma klassifikati flimkien mad-deskrizzjoni u l-kwantitajiet tad-denaturanti użati. Oġġetti bħal dawn jitqiesu li m'humiex tajbin għall-konsum meta l-oġġetti li għandhom ikunu denaturati u id-denaturanti jkunu mħalltin b'mod omoġenju u s-separazzjoni tagħhom m'hijiex ekonomikament vijabbli.

([1]) Is-subtitli u Kodiċi TARIC konċernati huma: 0408 11 20, 0408 19 20, 0408 91 20, 0408 99 20, 0701 10 00, 0712 90 11, 0806 10 10, 1001 91 10, 1005 10 13, 1005 10 15, 1005 10 18, 1006 10 10, 1007 10 10, 1106 20 10, 1201 10 00, 1202 30 00, 1204 00 10, 1205 10 10, 1206 00 10, 1207 21 00, 1207 40 10, 1207 50 10, 1207 91 10, 1207 99 20, 2401 10 35, 2401 10 85, 2401 10 95, 2401 20 35, 2401 20 85, 2401 20 95, 2501 00 51, 3102 50 00 10, 3105 90 20 10, 3105 90 80 10, 3502 11 10, 3502 19 10, 3502 20 10, 3502 90 20, 5911 20 00.

3. L-oġġetti elenkati hawn taħt għandhom ikunu klassifikati fit-titli xierqa għal żerriegħa jew għal żriegħ, sakemm l-oġġetti huma konformi mad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea:

   — għall-qamħ ħelu, *spelt*, qamħirrun ibridu, ross u sorgu (Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ([1]));

   — għall-patata taż-żriegħ (Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 ([2]));

   — għal żerriegħa żejtnija u frott żejtni (Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 ([3])).

   Meta qamħ ħelu ibridu, *spelt*, qamħirrun ibridu, ross, sorgu ibridu jew żerriegħa żejtnija u frott żejtni huma ta' tip li għalih ma japplikawx id-dispożizzjonijiet agrikoli, għandu jingħata trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura tagħhom, sakemm ikun stabbilit li l-oġġetti huma attwalment intiżi għal żriegħ.

4. Drapp tal-pezza, mhux maħdum, għandu jingħata trattament favorevoli ta' tariffa bil-kundizzjoni li l-oġġetti jkunu mmarkati b'mod li ma jitħassarx b'manjiera li tidentifikahom li huma ntiżi għal pezez jew għal għanijiet simili industrijali.

5. Għeneb tal-mejda frisk, tabakk u nitrat jingħataw trattament favorevoli ta' tariffa meta jkun preżentat ċertifikat awtentikat kif suppost. Id-dispożizzjonijiet partikolari li għandhom jiġu applikati u l-mudelli taċ-ċertifikati jinsabu f'Anness 9.

([1]) ĠU P 125, 11.7.1966, p. 2309.
([2]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60.
([3]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.

SINJALI, ABBREVJAZZJONIJIET U SIMBOLI

★	Tirreferi għal numri ġodda tal-kodiċi
■	Tirreferi għal numri tal-kodiċi użati s-sena ta' qabel iżda jkopru oġġetti differenti
AD F/M	Dazju żejjed fuq id-dqiq
AD S/Z	Dazju żejjed fuq iz-zokkor
b/f	Flixkun *flask*
ċm/s	Ċentimetru/i fis-sekonda
EA	Komponent agrikolu
€	Ewro
INN	Isem Internazzjonali Mhux Proprjetarju
INNM	Isem Internazzjonali Mhux Proprjetarju Modifikat
ISO	Organizazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
Kbit	1 024 bits
kg/br	Kilogramm, gross
kg/netti	Kilogramm, nett
kg/netti eda	Kilogramm piż nett xott
kg/netti mas	Kilogramm, nett ta' materjal xott
MAX	Massimu
Mbit	1 048 576 bits
MIN	Minimu
ml/g	Millilitru/i kull gramma
mm/s	Millimetru/i fis-sekonda
RON	Numru Ottan ta' Riċerka (*Research octane number*)

Nota:

Numru ta' titlu mqiegħed bejn parentesi kwadri f'kolonna 1 ta' l-Iskeda tad-Dazji tad-Dwana jindika li t-titlu kien imħassar (per eżempju, t-titlu [1519]). Meta f'anness tal-iskeda ta' dazji doganali, ir-referenza tal-assess tkun tinsab f'parenteżi kwadri, dan jindika li l-kontenut ta' dak l-anness ikun tħassar (per eżempju, [Anness 7]).

UNITAJIET SUPPLIMENTARI

c/k	Karati (1 karat metriku = 2×10^{-4} kg)
ċe/el	Numru ta' ċelluli
ċt/l	Kapaċità ta' ġarr f'tunellati ([1])
g	Gramm
gi F/S	Gramm ta' isotopi fissili
kg H_2O_2	Kilogramm perossidu ta' l-idroġenu
kg K_2O	Kilogramm ossidu tal-potassju
kg KOH	Kilogramm idrossidu tal-potassju (potassju kawstiku)
kg met.am.	Kilogramm metilamini
kg N	Kilogramm nitroġenu
kg NaOH	Kilogramm idrossidu tas-sodju (soda kawstika)
kg/net eda	Kilogramm piż nett xott
kg P_2O_5	Kilogramm ta' pentaossidu difosforu
kg 90 % sdt	Kilogramm ta' sustanza 90 % xotta
kg U	Kilogramm ta' uranju
1 000 kWh	1000 kilowott - siegħat
l	Litru
1 000 l	1000 Litri
l alc. 100 %	Litru alkoħol pur (100 %)
m	Metru
m^2	Metru kwadru
m^3	Metru kubu
1 000 m^3	1 000 metru kubu
pa	Għadd ta' pari
p/st	Għadd ta' oġġetti
100 p/st	Mitt oġġett
1 000 p/st	Elf oġġett
TJ	Terajoule (valur kalorifiku gross)
—	L'ebda unità supplimentari

([1]) "Kapaċità ta' ġarr f'tunellati" (ct/l) tfisser il-kapaċità ta' ġarr ta' bastiment espressa f'tunellati, mingħajr ma tinkludi l-imħażen tal-vapur (karburant, tagħmir, provvisti ta' ikel, eċċ.). Persuni li jkunu jinġarru abbord (ekwipaġġ u passiġġieri) u l-valiġġa tagħhom huma eskluży ukoll.

IT-TIENI PARTI

SKEDA TA' DAZJI TAD-DWANA

TAQSIMA I

ANNIMALI ĦAJJIN; PRODOTTI MINN ANNIMALI

Noti

1. Kwalunkwe referenza f'din it taqsima għal ġeneru jew speċi partikolari ta' annimal, ħlief fejn il-kuntest jitlob mod ieħor, tinkludi referenza għall-frieħ ta' dak il-ġeneru jew ta' dik l-speċi.

2. Ħlief fejn il-kuntest jitlob mod ieħor, tul in-nomenklatura kwalunkwe referenza għal prodotti "mnixxfin" tkopri ukoll prodotti li kienu ddeidrati, evaporati jew iffriżati u mnixxfin (*freeze-dried*).

KAPITLU 1

ANNIMALI ĦAJJIN

Nota

1. Dan il-kapitlu jkopri annimali ħajjin kollha, ħlief:

   (a) ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akwatiċi oħrajn, ta' titlu 0301, 0306, 0307 jew 0308;

   (b) kulturi ta' mikro-organiżmi u prodotti oħrajn ta' titlu 3002; u

   (ċ) annimali ta' titlu 9508.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
0101	**Żwiemel, ħmir, bgħula u bgħula tar-rkib:**		
	– Żwiemel:		
0101 21 00	**– – Annimali ta' razza pura għar-razza** [1]	B'xejn	p/st
0101 29	**– – Oħrajn:**		
0101 29 10	– – – Għall-qtil [2]	B'xejn	p/st
0101 29 90	– – – Oħrajn	11,5	p/st
0101 30 00	**– Ħmir**	7,7	p/st
0101 90 00	**– Oħrajn**	10,9	p/st
0102	**Annimali ta' l-ifrat ħajjin:**		
	– Frat:		
0102 21	**– – Annimali ta' razza pura għar-razza** [3]**:**		
6902	**Briks, blokki, madum refrattarji u oġġetti simili refrattarji ta' ċeramika għal kostruzzjoni, ħlief dawk ta' pasti ta' fossili siliċiki jew ta' fuħħar siliċiku simili:**		
6902 10 00	– **Li fihom, bil-piż, waħdiet jew flimkien, iktar minn 50 % ta' l-elementi Mg, Ca jew Cr, murijin bħala MgO, CaO jew Cr_2O_3**	2	—
6902 20	– **Li fihom, bil-piż, iktar minn 50 % ta' alumina (Al_2O_3), ta' silika (SiO_2) jew ta' taħlita jew kompost ta' dawn il-prodotti:**		
6902 20 10	– – Li fihom, bil-piż, 93 % jew aktar silika (SiO_2)	2	—
	– – Oħrajn:		
6902 20 91	– – – Li fihom, bil-piż, iktar minn 7 % iżda inqas minn 45 % ta' alumina (Al_2O_3)	2	—
6902 20 99	– – – Oħrajn	2	—
6902 90 00	– **Oħrajn**	2	—
6903	**Oġġetti oħrajn refrattarji ta' ċeramika (per eżempju, reċipjenti għat-tisħin, griġjoli, borom żgħar, żnienen, tappijiet, irfid, kuppetti, tubi, pajpijiet, għantijiet u vireg), ħlief dawk ta' pasti ta' fossili siliċiki jew ta' fuħħar siliċiku simili:**		
6903 10 00	– **Li fihom, bil-piż, iktar minn 50 % ta' grafita jew ta' karbonju ieħor jew ta' taħlita ta' dawn il-prodotti**	5	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
6903 20	**– Li fihom, bil-piż, iktar minn 50 % ta' alumina (Al_2O_3) jew ta' taħlita jew kompost ta' alumina u ta' silika (SiO_2):**		
6903 20 10	– – Li fihom, bil-piż, inqas minn 45 % ta' alumina (Al_2O_3)	5	—
6903 20 90	– – Li fihom, bil-piż, 45 % jew iktar ta' alumina (Al_2O_3)	5	—
6903 90	**– Oħrajn:**		
6903 90 10	– – Li fihom, bil-piż, iktar minn 25 % iżda mhux iktar minn 50 % ta' grafita jew ta' karbonju ieħor jew ta' taħlita ta' dawn il-prodotti	5	—
6903 90 90	– – Oħrajn	5	—
	II. **PRODOTTI OĦRAJN TA' ĊERAMIKA**		
6904	**Briks taċ-ċeramika għall-bini, blokki, irfid jew madum għall-mili għall-art u bħalhom:**		
6904 10 00	**– Briks għall-bini**	2	p/st
6904 90 00	**– Oħrajn**	2	—
6905	**Madum għat-tisqif, irjus taċ-ċmieni, għotjien taċ-ċmieni (*cowls*), tiżjin arkitettoniku u oġġetti oħrajn taċ-ċeramika għall-kostruzzjoni:**		
6905 10 00	**– Madum għat-tisqif**	B'xejn	p/st
6905 90 00	**– Oħrajn**	B'xejn	—
6906 00 00	**Pajpijiet taċ-ċeramika, qani, katusi u tagħmir għal pajpijiet**	B'xejn	—
6907	**Ċangatura u paviment, madum għall-qigħan taċ-ċmieni taċ-ċeramika; kubi tal-mużajk taċ-ċeramika u oġġetti bħal dawn, fuq dahar ta' rfid jew le; ċeramiki tal-kisi:**		
	– Ċangatura u paviment, madum għall-qigħan taċ-ċmieni, minbarra dawk tas-subintestaturi 6907 30 u 6907 40:		
★ **6907 21 00**	**– – Tal-koeffiċjent tal-assorbiment tal-ilma b'piż li ma jaqbiżx iż-0.5 %**	5	m^2
★ **6907 22 00**	**– – Tal-koeffiċjent tal-assorbiment tal-ilma b'piż li jaqbeż iż-0.5 % imma mhux l-10 %**	5	m^2
★ **6907 23 00**	**– – Tal-koeffiċjent tal-assorbiment tal-ilma b'piż li jaqbeż l-10 %**	5	m^2
★ **6907 30 00**	**– Kubi tal-mużajk u oġġetti bħal dawn, minbarra dawk tas-subintestaturi 6907 40**	5	m^2
★ **6907 40 00**	**– Ċeramiki tal-kisi**	5	m^2
[6908]			
6909	**Oġġetti taċ-ċeramika għal użi ta' laboratorju, użi kimiċi jew tekniċi oħrajn; ħwat, banjijiet u reċipjenti simili taċ-ċeramika ta' tip użati fl-agrikultura; kontenituri (*pots*), ġarar u oġġetti simili taċ-ċeramika ta' tip użati għal ġarr jew ippakkjar ta' merkanzija:**		
	– Oġġetti taċ-ċeramika għal użi ta' laboratorju, użi kimiċi jew tekniċi oħrajn:		
6909 11 00	**– – Ta' porċellana jew tal-kina**	5	—
6909 12 00	**– – Oġġetti b'ebusija ta' 9 jew aktar fuq l-iskala *Mohs***	5	—
6909 19 00	**– – Oħrajn**	5	—
6909 90 00	**– Oħrajn**	5	—
6910	**Sinkijiet, sinkijiet tal-wiċċ, pedestalli tas-sinkijiet tal-wiċċ, banjijiet, bidejiet, friskaturi tal-loki, ċisterni tal-flaxing, awrinari taċ-ċeramika u tagħmir simili sanitarju:**		
6910 10 00	**– Ta' porċellana jew tal-kina**	7	—
6910 90 00	**– Oħrajn**	7	—
6911	**Oġġetti tal-mejda, oġġetti tal-kċina, oġġetti oħrajn tad-dar u oġġetti tat-twaletta, ta' porċellana jew tal-kina:**		

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
6911 10 00	**– Oġġetti tal-mejda u oġġetti tal-kċina**	12	—
6911 90 00	**– Oħrajn**	12	—
6912 00	**Oġġetti tal-mejda, oġġetti tal-kċina, oġġetti oħrajn tad-dar u oġġetti tat-twaletta taċ-ċeramika, ħlief ta' porċellana jew tal-kina:**		
	– Oġġetti tal-mejda u oġġetti tal-kċina:		
6912 00 21	– – Ta' fuħħar komuni	5	—
6912 00 23	– – Oġġetti magħmulin mill-ġebla	5,5	—
6912 00 25	– – Fuħħar jew fajjenza fina	9	—
6912 00 29	– – Oħrajn	7	—
	– Oħrajn:		
6912 00 81	– – Ta' fuħħar komuni	5	—
6912 00 83	– – Oġġetti magħmulin mill-ġebla	5,5	—
6912 00 85	– – Fuħħar jew fajjenza fina	9	—
6912 00 89	– – Oħrajn	7	—
6913	**Statwetti u oġġetti ornamentali oħrajn taċ-ċeramika:**		
6913 10 00	**– Ta' porċellana jew tal-kina**	6	—
6913 90	**– Oħrajn:**		
6913 90 10	– – Ta' fuħħar komuni	3,5	—
	– – Oħrajn:		
6913 90 93	– – – Fuħħar jew fajjenza fina	6	—
6913 90 98	– – – Oħrajn	6	—
6914	**Oġġetti oħrajn taċ-ċeramika:**		
6914 10 00	**– Ta' porċellana jew tal-kina**	5	—
6914 90 00	**– Oħrajn**	3	—

KAPITLU 70

ĦĠIEĠ U OĠĠETTI TAL-ĦĠIEĠ

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

   (a) oġġetti ta' titlu 3207 (per eżempju, żmalti u tili li jistgħu jsiru ħġieġ, fritta tal-ħġieġ, ħġieġ ieħor f'forma ta' trab, qmuħ jew trofof);

   (b) oġġetti ta' Kapitlu 71 (per eżempju, ġojjelli artifiċjali);

   (ċ) kejbils ta' fibra ottika ta' titlu 8544, iżolaturi elettriċi (titlu 8546) jew tagħmir ta' materjal iżolatur ta' titlu 8547;

   (d) fibri ottiċi, elementi ottiċi maħdumin b'sistemi ottiċi, siringi ipodermiċi, għajnejn artifiċjali, termometri, barometri, idrometri jew oġġetti oħrajn ta' Kapitlu 90;

   (e) lampi u tagħmir tad-dawl, sinjali mdawwlin, pjanċi ta' l-isem imdawlin jew bħalhom, b'sors ta' dawl fiss permanentament, jew bċejjeċ tagħhom ta' titlu 9405;

   (f) ġugarelli, logħob, ħtiġijiet ta' l-isport, tiżjin tas-siġra tal-Milied jew oġġetti oħrajn ta' Kapitlu 95 (ħlief għajnejn tal-ħġieġ mingħajr mekkaniżmu għal pupi jew għal oġġetti oħrajn ta' Kapitlu 95); jew

   (g) buttuni, fliexken tal-vakwu imqegħdin f'posthom, sprejjijiet tal-fwieħa jew simili jew oġġetti oħrajn ta' Kapitlu 96.

2. Għall-għanijiet ta' titli 7003, 7004 u 7005:

   (a) ħġieġ mhux kunsidrat "maħdum" minħabba xi proċess li jkun għadda minnu qabel ġie ttemprat;

   (b) qtugħ għal qies ma jeffettwax il-klassifikazzjoni ta' ħġieġ f'folji;

   (ċ) l-espressjoni "saff assorbenti, riflettenti jew mhux-riflettenti" tfisser kisja rqiqa mikroskopikament ta' metall jew ta' kompost kimiku (per eżempju, ossidu ta' metall) li jassorbi, per eżempju, dawl infra-aħmar jew itejjeb il-kwalitajiet riflettivi tal-ħġieġ waqt li jħallih xorta waħda jżomm grad ta' trasparenza jew traslucidità; jew li ma jħallix dawl ikun rifless minn wiċċ il-ħġieġ.

3. Il-prodotti msemmijin f'titlu 7006 jibqgħu kklassifikati f'dak it-titlu, fihom jew ma fihomx il-karatteristiċi ta' oġġetti.

4. Għall-għanijiet ta' titlu 7019, l-espressjoni "suf minerali (*glass wool*)" tfisser:

   (a) sufijiet minerali b'kontenut ta' silika (SiO_2) mhux inqas minn 60 % tal-piż;

   (b) sufijiet minerali b'kontenut ta' silika (SiO_2) inqas minn 60 % iżda b'kontenut ta' ossidu alkalin (K_2O jew Na_2O) ogħla minn 5 % tal-piż jew b'kontenut ta' ossidu boriku (B_2O_3) ogħla minn 2 % tal-piż.

   Sufijiet minerali li ma josservawx l-ispeċifikazzjonijiet t'hawn fuq jaqgħu f'titlu 6806.

5. Matul in-nomenklatura, l-espressjoni "ħġieġ" tinkludi kwarzu mgħaqqad bis-sħana u silika oħra mgħaqqda bis-sħana.

Nota għas-subtitlu

1. Għall-għanijiet ta' subtitli 7013 22, 7013 33, 7013 41 u 7013 91, l-espressjoni "kristall taċ-ċomb" tfisser biss ħġieġ b'kontenut minimu ta' monossidu ta' ċomb (PbO) ta' 24 % bil-piż.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
7001 00	**Tkissir u skart u fdal ieħor tal-ħġieġ; ħġieġ bil-gozz:**		
7001 00 10	– Tkissir u skart u fdal ieħor tal-ħġieġ	B'xejn	—
	– Ħġieġ bil-gozz:		
7001 00 91	– – Ħġieġ ottiku	3	—
7001 00 99	– – Oħrajn	B'xejn	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
7002	**Ħġieġ f'boċċi (ħlief mikrosferi ta' titlu 7018), vireg jew tubi, mhux maħdumin:**		
7002 10 00	**– Boċċi**	3	—
7002 20	**– Vireg:**		
7002 20 10	– – Ħġieġ ottiku	3	—
7002 20 90	– – Oħrajn	3	—
	– Tubi:		
7002 31 00	**– – Ta' kwarzu mgħaqqad bis-sħana jew ta' silika oħra mgħaqqda bis-sħana**	3	—
7002 32 00	**– – Ta' ħġieġ ieħor b'koeffiċjent lineari ta' espansjoni mhux iktar minn 5×10^{-6} kull Kelvin f'medda ta' temperatura minn 0 °Ċ sa 300 °Ċ**	3	—
7002 39 00	**– – Oħrajn**	3	—
7003	**Ħġieġ magħmul bil-forma u ħġieġ mibrum, f'folji jew fi profili, b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux-riflettenti jew mingħajru, iżda mhux maħdum mod ieħor:**		
	– Folji mingħajr wajer:		
7003 12	**– – Miżbugħ fil-massa kollha (*body tinted*), opaċifikat, mifrux (*flashed*) jew b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux-riflettenti:**		
7003 12 10	– – – Ta' ħġieġ ottiku	3	m^2
	– – – Oħrajn:		
7003 12 91	– – – – B'saff mhux-riflettenti	3	m^2
7003 12 99	– – – – Oħrajn	3,8 MIN 0,6 €/ 100 kg/br	m^2
7003 19	**– – Oħrajn:**		
7003 19 10	– – – Ta' ħġieġ ottiku	3	m^2
7003 19 90	– – – Oħrajn	3,8 MIN 0,6 €/ 100 kg/br	m^2
7003 20 00	**– Folji bil-wajer**	3,8 MIN 0,4 €/ 100 kg/br	m^2
7003 30 00	**– Profili**	3	—
7004	**Ħġieġ miġbud u ħġieġ minfuħ, f'folji, b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux-riflettenti jew mingħajru, iżda mhux maħdum mod ieħor:**		
7004 20	**– Ħġieġ miżbugħ fil-massa kollha (*body tinted*), opaċifikat, mifrux (*flashed*) jew b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux-riflettenti:**		
7004 20 10	– – Ħġieġ ottiku	3	m^2
	– – Oħrajn:		
7004 20 91	– – – B'saff mhux-riflettenti	3	m^2
7004 20 99	– – – Oħrajn	4,4 MIN 0,4 €/ 100 kg/br	m^2
7004 90	**– Ħġieġ ieħor:**		
7004 90 10	– – Ħġieġ ottiku	3	m^2
7004 90 80	– – Oħrajn	4,4 MIN 0,4 €/ 100 kg/br	m^2

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
7005	**Ħġieġ *"float"*, u ħġieġ bil-wiċċ immattjat jew illustrat, f'folji, b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux-riflettenti jew mingħajru, iżda mhux maħdum mod ieħor:**		
7005 10	**– Ħġieġ mhux bil-wajer, b'saff assorbenti, riflettenti jew mhux-riflettenti:**		
7005 10 05	– – B'saff mhux-riflettenti	3	m^2
	– – Oħrajn, ta' ħxuna:		
7005 10 25	– – – Mhux aktar minn 3,5 mm	2	m^2
7005 10 30	– – – Aktar minn 3,5 mm iżda mhux aktar minn 4,5 mm	2	m^2
7005 10 80	– – – Aktar minn 4,5 mm	2	m^2
	– Ħġieġ ieħor mhux bil-wajer:		
7005 21	**– – Ħġieġ miżbugħ fil-massa kollha (*body tinted*), opaċifikat, mifrux (*flashed*) jew bil-wiċċ ftit immattjat:**		
7005 21 25	– – – Mhux eħxen minn 3,5 mm	2	m^2
7005 21 30	– – – Eħxen minn 3,5 mm iżda mhux aktar minn 4,5 mm	2	m^2
7005 21 80	– – – Eħxen minn 4,5 mm	2	m^2
7005 29	**– – Oħrajn:**		
7005 29 25	– – – Mhux eħxen minn 3,5 mm	2	m^2
7005 29 35	– – – Eħxen minn 3,5 mm iżda mhux aktar minn 4,5 mm	2	m^2
7005 29 80	– – – Eħxen minn 4,5 mm	2	m^2
7005 30 00	**– Ħġieġ bil-wajer**	2	m^2
7006 00	**Ħġieġ ta' titlu 7003, 7004 jew 7005, mgħawweġ, bix-xfar maħdumin, imnaqqax, imtaqqab, żmaltat jew maħdum mod ieħor, iżda mhux bi gwarniċ jew mgħammar b'materjali oħrajn:**		
7006 00 10	– Ħġieġ ottiku	3	—
7006 00 90	– Oħrajn	3	—
7007	**Ħġieġ għas-sigurtà, magħmul minn ħġieġ magħmul reżistenti (ittemprat) jew illaminat:**		
	– Ħġieġ għas-sigurtà magħmul reżistenti (ittemprat):		
7007 11	**– – Ta' qies u għamla tajbin biex jitqegħdu f'vetturi, f'biċċiet ta' l-ajru, f'biċċiet ta' l-ispazju jew f'biċċiet tal-baħar:**		
7007 11 10	– – – Ta' qies u għamla tajbin biex jitqegħdu f'vetturi bil-mutur	3	—
7007 11 90	– – – Oħrajn	3	—
7007 19	**– – Oħrajn:**		
7007 19 10	– – – Żmaltati	3	m^2
7007 19 20	– – – Miżbugħ fil-massa kollha (*body tinted*), opaċifikat, mifrux (*flashed*) jew b'saff assorbenti jew riflettenti	3	m^2
7007 19 80	– – – Oħrajn	3	m^2

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	– Ħġieġ ta' sigurtà illaminat:		
7007 21	**– – Ta' qies u għamla tajbin biex jitqegħdu f'vetturi, f'biċċiet ta' l-ajru, f'biċċiet ta' l-ispazju jew f'biċċiet tal-baħar:**		
7007 21 20	– – – Ta' qies u għamla tajbin biex jitqegħdu f'vetturi bil-mutur	3	—
7007 21 80	– – – Oħrajn	3	—
7007 29 00	**– – Oħrajn**	3	m^2
7008 00	**Unitajiet ta' ħġieġ b'ħitan multipli iżolaturi:**		
7008 00 20	– Miżbugħin fil-massa kollha (*body tinted*), opaċifikati, mifruxin (*flashed*) jew b'saff assorbenti jew riflettenti	3	m^2
	– Oħrajn:		
7008 00 81	– – Magħmulin minn żewġ pannelli ta' ħġieġ issiġillat madwar ix-xfarijiet b'ġonta li minnha ma tgħaddix arja u separat b'saff arja, gassijiet oħrajn jew vakwu	3	m^2
7008 00 89	– – Oħrajn	3	m^2
7009	**Mirja tal-ħġieġ, bil-gwarniċ jew le, inklużi mirja biex tara wara:**		
7009 10 00	**– Mirja biex tara wara għal vetturi**	4	p/st
	– Oħrajn:		
7009 91 00	**– – Mingħajr gwarniċ**	4	—
7009 92 00	**– – Bi gwarniċ**	4	—
7010	**Damiġġani, fliexken, karaffi, vażetti, borom, fjali, impulluzzi u kontenituri oħrajn, ta' ħġieġ, ta' tip użati għall-ġarr jew ippakkjar ta' merkanzija; vażetti tal-ħġieġ għal ippreservar; tappijiet, għotien u għeluq ieħor, ta' ħġieġ:**		
7010 10 00	**– Impulluzzi**	3	p/st
7010 20 00	**– Tappijiet, għotien u għeluq ieħor**	5	—
7010 90	**– Oħrajn:**		
7010 90 10	– – Vażetti għal ippreservar (vażetti għal isterilizzar)	5	p/st
	– – Oħrajn:		
7010 90 21	– – – Magħmulin minn tubi tal-ħġieġ	5	p/st
	– – – Oħrajn, ta' qies nominali ta':		
7010 90 31	– – – – 2,5 l jew aktar	5	p/st
	– – – – Inqas minn 2,5 l:		
	– – – – – Għal xorb u ikel:		
	– – – – – – Fliexken:		
	– – – – – – – Ta' ħġieġ mingħajr kulur, ta' qies nominali ta':		
7010 90 41	– – – – – – – – 1 l jew aktar	5	p/st
7010 90 43	– – – – – – – – Iktar minn 0,33 l iżda inqas minn 1 l	5	p/st
7010 90 45	– – – – – – – – 0,15 l jew aktar iżda mhux aktar minn 0,33 l	5	p/st
7010 90 47	– – – – – – – – Inqas minn 0,15 l	5	p/st
	– – – – – – – Ta' ħġieġ ikkulurit, ta' qies nominali ta':		
7010 90 51	– – – – – – – – 1 l jew aktar	5	p/st

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
7010 90 53	– – – – – – – – Iktar minn 0,33 l iżda inqas minn 1 l	5	p/st
7010 90 55	– – – – – – – – 0,15 l jew aktar iżda mhux aktar minn 0,33 l	5	p/st
7010 90 57	– – – – – – – – Inqas minn 0,15 l	5	p/st
	– – – – – – Oħrajn, ta' qies nominali ta':		
7010 90 61	– – – – – – – 0,25 l jew aktar	5	p/st
7010 90 67	– – – – – – – Inqas minn 0,25 l	5	p/st
	– – – – – Għal prodotti farmaċewtiċi, ta' qies nominali ta':		
7010 90 71	– – – – – – Aktar minn 0,055 l	5	p/st
7010 90 79	– – – – – – Mhux aktar minn 0,055 l	5	p/st
	– – – – – Għal prodotti oħrajn:		
7010 90 91	– – – – – – Ta' ħġieġ mingħajr kulur	5	p/st
7010 90 99	– – – – – – Ta' ħġieġ ikkulurit	5	p/st
7011	**Envelops tal-ħġieġ (inklużi bozoz u tubi), miftuħin, u l-partijiet tagħhom tal-ħġieġ, mingħajr tagħmir, għal lampi elettriċi, tubi tar-raġġi bil-katowd jew bħalhom:**		
7011 10 00	**– Għad-dawl elettriku**	4	—
7011 20 00	**– Għat-tubi tar-raġġi bil-katowd**	4	—
7011 90 00	**– Oħrajn**	4	—
[7012]			
7013	**Oġġetti tal-ħġieġ tat-tip użat għall- mejda, kċina, twaletta, uffiċċju, tiżjin ta' ġewwa jew għal għanijiet simili (ħlief dawk ta' titlu 7010 jew 7018):**		
7013 10 00	**– Ta' ċeramika tal-ħġieg**	11	p/st
	– Xogħol ta' tazzi tax-xorb bis-sieq, minbarra dak taċ-ċeramika tal-ħġieġ:		
7013 22	**– – Ta' kristall taċ-ċomb:**		
7013 22 10	– – – Miġbur bl-idejn	11	p/st
7013 22 90	– – – Miġbur b'mezzi mekkaniċi	11	p/st
7013 28	**– – Oħrajn:**		
7013 28 10	– – – Miġbur bl-idejn	11	p/st
7013 28 90	– – – Miġbur b'mezzi mekkaniċi	11	p/st
	– Tazzi tax-xorb oħrajn, minbarra dawk taċ-ċeramika tal-ħġieġ:		
7013 33	**– – Ta' kristall taċ-ċomb:**		
	– – – Miġbur bl-idejn:		
7013 33 11	– – – – Maqtugħ jew imżejjen mod iehor	11	p/st
7013 33 19	– – – – Oħrajn	11	p/st
	– – – Miġbur b'mezzi mekkaniċi:		
7013 33 91	– – – – Maqtugħ jew imżejjen mod iehor	11	p/st
7013 33 99	– – – – Oħrajn	11	p/st
7013 37	**– – Oħrajn:**		
7013 37 10	– – – Ta' ħġieġ magħmul reżistenti (*toughened*)	11	p/st

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	– – – Oħrajn:		
	– – – – Miġbur bl-idejn:		
7013 37 51	– – – – – Maqtugħ jew imżejjen mod ieħor	11	p/st
7013 37 59	– – – – – Oħrajn	11	p/st
	– – – – Miġbur b'mezzi mekkaniċi:		
7013 37 91	– – – – – Maqtugħ jew imżejjen mod ieħor	11	p/st
7013 37 99	– – – – – Oħrajn	11	p/st
	– Oġġetti tal-ħġieġ tat-tip użati għal fuq il-mejda (ħlief tazzi tax-xorb) jew għal kċina, ħlief dak taċ-ċeramika tal-ħġieġ:		
7013 41	**– – Ta' kristall taċ-ċomb:**		
7013 41 10	– – – Miġbur bl-idejn	11	p/st
7013 41 90	– – – Miġbur b'mezzi mekkaniċi	11	p/st
7013 42 00	**– – Ta' ħġieġ b'koeffiċjent lineari ta' espansjoni mhux iktar minn 5×10^{-6} kull Kelvin f'medda ta' temperatura minn 0 °Ċ sa 300 °Ċ**	11	p/st
7013 49	**– – Oħrajn:**		
7013 49 10	– – – Ta' ħġieġ magħmul reżistenti (*toughened*)	11	p/st
	– – – Oħrajn:		
7013 49 91	– – – – Miġbur bl-idejn	11	p/st
7013 49 99	– – – – Miġbur b'mezzi mekkaniċi	11	p/st
	– Oġġetti oħrajn ta' ħġieġ:		
7013 91	**– – Ta' kristall taċ-ċomb:**		
7013 91 10	– – – Miġbur bl-idejn	11	p/st
7013 91 90	– – – Miġbur b'mezzi mekkaniċi	11	p/st
7013 99 00	**– – Oħrajn**	11	p/st
7014 00 00	**Oġġetti ta' ħġieġ għas-sinjalar u elementi ottiċi ta' ħġieġ (ħlief dawk ta' titlu 7015), mhux maħdumin ottikament**	3	—
7015	**Ħġieġ ta' arloġġi jew ta' arloġġi ta' l-idejn u ħġieġ bħalhom, ħġieġ għan-nuċċalijiet mhux-korrettivi jew korrettivi, ikkurvati, mgħawġin, imħaffrin jew bħalhom, mhux maħdumin ottikament; sferi ta' ħġieġ imħaffrin u segmenti tagħhom, għall-manifattura ta' dal-ħġieġ:**		
7015 10 00	**– Ħġieġ għal nuċċalijiet korrettivi**	3	—
7015 90 00	**– Oħrajn**	3	—
7016	**Blokki, ċangaturi, briks, kwadri, madum u oġġetti oħrajn għal pavimentar ta' ħġieġ ippressat jew bil-forma, bil-wajer jew le, ta' tip użati għal għanijiet ta' bini jew kostruzzjoni; kubi tal-ħġieġ u oġġetti żgħar oħrajn ta' ħġieġ, mirfudin b'dahar jew le, għal mużajki jew għanijiet dekorattivi simili; dwal biċ-ċomb jew bħalhom; ħġieġ multiċellulari jew fowm fi blokki, pannelli, pjanċi, qxur jew għamliet simili:**		
7016 10 00	**– Kubi ta' ħġieġ u oġġetti żgħar oħrajn ta' ħġieġ, mirfudin b'dahar jew le, għal mużajki jew għanijiet dekorattivi simili**	8	—
7016 90	**– Oħrajn:**		
7016 90 10	– – Dwal biċ-ċomb jew bħalhom	3	m^2

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
7016 90 40	– – Blokki u briks, tat-tip li jintużaw għal finijiet ta' bini u kostruzzjoni	3 MIN 1,2 €/100 kg/br	—
7016 90 70	– – Oħrajn	3 MIN 1,2 €/100 kg/br	—
7017	**Oġġetti ta' ħġieġ għal laboratorju, iġjeniċi jew farmaċewtiċi, immarkati b'qisien jew kalibrati:**		
7017 10 00	**– Ta' kwarzu mgħaqqad bis-sħana jew ta' silika oħra mgħaqqda bis-sħana .....**	3	—
7017 20 00	**– Ta' ħġieġ ieħor b'koeffiċjent lineari ta' espansjoni mhux iktar minn 5×10^{-6} kull Kelvin f'medda ta' temperatura minn 0 °Ċ sa 300 °Ċ .....**	3	—
7017 90 00	**– Oħrajn .....**	3	—
7018	**Żibeġ tal-ħġieġ, perli artifiċjali, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż artifiċjali u oġġetti żgħar tal-ħġieġ simili, u oġġetti tagħhom ħlief ġojjelli artifiċjali; għanjejn tal-ħġieġ ħlief oġġetti prostetiċi; statwetti u ornamenti oħrajn ta' ħġieġ maħdum bil-lampa, ħlief ġojjelli artifiċjali; mikrosferi ta' ħġieġ b'dijametru mhux ikbar minn 1 mm:**		
7018 10	**– Żibeġ tal-ħġieġ, perli artifiċjali, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż artifiċjali u oġġetti żgħar tal-ħġieġ simili:**		
	– – Żibeġ tal-ħġieġ:		
7018 10 11	– – – Maqtugħin u illustrati b'mezzi mekkaniċi	B'xejn	—
7018 10 19	– – – Oħrajn	7	—
7018 10 30	– – Perli artifiċjali	B'xejn	—
	– – Ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż artifiċjali:		
7018 10 51	– – – Maqtugħin u illustrati b'mezzi mekkaniċi	B'xejn	—
7018 10 59	– – – Oħrajn	3	—
7018 10 90	– – Oħrajn	3 ([1])	—
7018 20 00	**– Mikrosferi ta' ħġieġ b'dijametru mhux ikbar minn 1 mm .....**	3	—
7018 90	**– Oħrajn:**		
7018 90 10	– – Għajnejn tal-ħġieġ; oġġetti żgħar tal-ħġieġ	3	—
7018 90 90	– – Oħrajn	6	—
7019	**Fibri ta' ħġieġ (inkluż suf minerali) u oġġetti tiegħu (per eżempju, ħjut, fibri minsuġin):**		
	– Biċċiet żgħar, ftietel, ħjut u trofof imqattgħin:		
7019 11 00	**– – Trofof imqattgħin, mhux itwal minn 50 mm .....**	7	—
7019 12 00	**– – Ftietel .....**	7	—
7019 19	**– – Oħrajn:**		
7019 19 10	– – – Ta' filamenti	7	—
7019 19 90	– – – Ta' fibri ta' kwalità	7	—
	– Folji rqaq (*voiles*), xbieki, twapet, saqqijiet, twavel u prodotti oħrajn simili mhux minsuġin:		
7019 31 00	**– – Twapet .....**	7	—

([1]) Kwota tat-tariffa WTO (*Għaqda Dinjija għall-Kummerċ*).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
7019 32 00	– – **Folji rqaq (*voiles*)**	5	—
7019 39 00	– – **Oħrajn**	5	—
7019 40 00	– **Drapp minsuġ ta' ftietel**	7	—
	– **Drappijiet oħrajn minsuġin:**		
7019 51 00	– – **Mhux usa' minn 30 ċm**	7	—
7019 52 00	– – **Usa' minn 30 ċm, nisġa lixxa, jiżen inqas minn 250 g/m^2, ta' filamenti ta' qies kull ħajta singla mhux iktar minn 136 teks**	7	—
7019 59 00	– – **Oħrajn**	7	—
7019 90 00	– **Oħrajn**	7	—
7020 00	**Oġġetti oħrajn ta' ħġieġ:**		
7020 00 05	– Tubi u kontenituri ta' reatturi tal-kwarzu maħsubin għad-dħul fi fran ta' difużjoni u ossidazzjoni għal produzzjoni ta' materjali semi-konduttur	B'xejn	—
	– Ġewwieni tal-ħġieġ għal fliexken bil-vakwu jew għal reċipjenti oħrajn bil-vakwu:		
7020 00 07	– – Mhux lesti	3	—
7020 00 08	– – Lesti	6	—
	– Oħrajn:		
7020 00 10	– – Ta' kwarzu mgħaqqad bis-sħana jew ta' silika oħra mgħaqqda bis-sħana	3	—
7020 00 30	– – Ta' ħġieġ b'koeffiċjent lineari ta' espansjoni mhux iktar minn 5×10^{-6} kull Kelvin f'medda ta' temperatura minn 0 °Ċ sa 300 °Ċ	3	—
7020 00 80	– – Oħrajn	3	—

TAQSIMA XIV

PERLI NATURALI JEW KULTIVATI, ĦAĠAR PREZZJUŻ JEW SEMI-PREZZJUŻ, METALLI PREZZJUŻI, METALLI MIKSIJIN B'METALL PREZZJUŻ, U OĠĠETTI TAGĦHOM, ĠOJJELLI ARTIFIĊJALI; MUNITA

KAPITLU 71

PERLI NATURALI JEW KULTIVATI, ĦAĠAR PREZZJUŻ JEW SEMI-PREZZJUŻ, METALLI PREZZJUŻI, METALLI MIKSIJIN B'METALL PREZZJUŻ, U OĠĠETTI TAGĦHOM, ĠOJJELLI ARTIFIĊJALI; MUNITA

Noti

1. Suġġett għal nota 1(a) ta' Taqsima VI u ħlief kif stipulat hawn taħt, l-oġġetti kollha magħmulin kompletament jew parzjalment:

   (a) minn perli naturali jew kultivati jew minn ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż (naturali, artifiċjali jew rikostrutt), jew

   (b) minn metall prezzjuż jew minn metall miksi b'metall prezzjuż,

   għandhom ikunu kklassifikati f'dan il-kapitlu.

2. (A) Titli 7113, 7114 u 7115 ma jkoprux oġġetti li fihom metall prezzjuż jew metall miksi b'metall prezzjuż jinsab bħala kostitwenti minuri biss, bħal tagħmir minuri jew tiżjin minuri (per eżempju, monogrammi, vajlori u xfar), u paragrafu (b) tan-nota ta' qabel din ma jappplikax għal dawn l-oġġetti.

   (B) Titlu 7116 ma jkoprix oġġetti li fihom metall prezzjuż jew metall miksi b'metall prezzjuż (ħlief bħala kostitwenti minuri).

3. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

   (a) amalgami ta' metall prezzjuż, jew metall prezzjuż kollojdali (titlu 2843);

   (b) materjali sterili ta' ħjata kirurġika, mili tas-snien jew oġġetti oħrajn ta' Kapitlu 30;

   (ċ) oġġetti ta' Kapitlu 32 (per eżempju, lostri);

   (d) katalizzaturi mirfudin (titlu 3815);

   (e) oġġetti ta' titlu 4202 jew 4203 imsemmijin f'nota 3(B) għal Kapitlu 42;

   (f) oġġetti ta' titlu 4303 jew 4304;

   (g) oġġetti ta' Taqsima XI (tessuti u oġġetti tessili);

   (h) ilbies għas-saqajn, ilbies għar-ras u oġġetti oħrajn ta' Kapitlu 64 jew 65;

   (ij) umbrelel, bsaten għall-mixi u oġġetti oħrajn ta' Kapitlu 66;

   (k) oġġetti li joborxu ta' titlu 6804 jew 6805 jew Kapitlu 82, li fihom trab jew terer ta' ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż (naturali jew sintetiċi); oġġetti ta' Kapitlu 82 b'biċċa li taħdem magħmula minn ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż (naturali, sintetikujew rikostrutt); makkinarju, għodod mekkaniċi jew oġġetti elettriċi, jew bċejjeċ tagħhom, ta' Taqsima XVI. Madankollu, oġġetti u bċejjeċ tagħhom, kompletament ta' ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż (naturali, sintetikujew rikostrutt) jibqgħu kklassifikati f'dan il-kapitlu, ħlief żaffiri u djamanti maħdumin mhux immuntati għal labar (*styluses*) (titlu 8522);

   (l) oġġetti ta' Kapitlu 90, 91 jew 92 (strumenti xjentifiċi, arloġġi u arloġġi ta' l-idejn, strumenti mużikali);

   (m) armi jew partijiet minnhom (Kapitlu 93);

   (n) oġġetti koperti b'nota 2 għal Kapitlu 95;

   (o) oġġetti kklassifikati f'Kapitlu 96 minħabba nota 4 għal dak il-kapitlu; jew

   (p) skulturi jew statwarji oriġinali (titlu 9703), bċejjeċ tal-kolletturi (titlu 9705) jew antikitajiet ta' 'l fuq minn 100 sena (titlu 9706), ħlief perli naturali jew kultivati jew ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż.

4. (A) L-espressjoni "metall prezzjuż" tfisser fidda, deheb u platinu.

   (B) L-espressjoni "platinu" tfisser platinu, iridju, osmju, palladju, rodju u rutenju.

   (Ċ) L-espressjoni "ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż" ma tinkludi xejn mis-sustanzi speċifikati f'nota 2(b) għal Kapitlu 96.

5. Għall-għanijiet ta' dan il-kapitlu, kull liga (inkluż taħlita magħquda solida (*sintered*) u kompost inter-metalliku) li fiha metall prezzjuż għandha tkun ttrattata bħala liga ta' metall prezzjuż jekk wieħed mill-metalli prezzjużi jikkostitwixxi anke 2 %, tal-piż, tal-liga. Ligi ta' metall prezzjuż għandhom ikunu kklassifikati skond dawn ir-regoli:

   (a) Liga li fiha 2 % jew aktar, tal-piż, ta' platinu għandha titqies bħala liga ta' platinu.

   (b) Liga li fiha 2 % jew aktar, tal-piż, ta' deheb iżda mingħajr platinu, jew inqas minn 2 %, tal-piż, ta' platinu, għandha titqies bħala liga tad-deheb.

   (ċ) Ligi oħrajn li fihom 2 % jew aktar, bil-piż, ta' fidda għandhom jitqiesu bħala ligi tal-fidda.

6. Ħlief fejn il-kuntest jeħtieġ mod ieħor, kull riferenza fin-nomenklatura għal metall prezzjuż jew għal xi metall prezzjuż partikulari tinkludi riferenza għal-ligi ttrattati bħala ligi ta' metall prezzjuż jew tal-metall partikulari skond ir-regoli f'nota 5 fuq, iżda mhux għal metall miksi b'metall prezzjuż jew għal metall ta' valur baxx jew mhux metalli indurati b'metall prezzjuż.

7. Matul in-nomenklatura, l-espressjoni 'metall miksi b'metall prezzjuż' tfisser materjal magħmul b'bażi ta' metall li fuq wiċċ wieħed jew aktar tiegħu titwaħħal kisja ta' metall prezzjuż b'issaldjar, b'ibbrejżjar, b'iwweldjar, b'indurar ta' folji bis-sħana (*hot-rolling*) jew b'mezzi mekkaniċi simili. Ħlief fejn il-kuntest jesiġi mod ieħor, l-espressjoni tkopri ukoll metall ta' valur baxx interzjat b'metall prezzjuż.

8. Suġġett għal nota 1(A) għal Taqsima VI, oġġetti li joqgħodu għal deskrizzjoni f'titlu 7112 għandhom ikunu kklassifikati f'dak it-titlu u f'ebda titlu ieħor tan-nomenklatura.

9. Għall-għanijiet ta' titlu 7113, l-espressjoni "oġġetti ta' ġojjellerija" tfisser:

   (a) kwalunkwe oġġett żgħir ta' ornament personali (per eżempju, ċrieket, brazzuletti, ġiżirajjen, labar (brooches), imsielet, ċineg ta' l-arloġġi, ktajjen u ornamenti ta' arloġġi tal-but, pendenti, labar għall-ingravata, pulzieri, buttuni ta' l-ibies (dress-studs), medalji reliġjużi jew oħrajn u insinja); u

   (b) oġġetti ta' użu personali tat-tip li normalment jinġarru fil-but, fil-ħendbeg jew fuq il-persuna (per eżempju, kaxex tas-sigarri jew sigaretti, kaxex għat-tabakk ta' l-imnieħer, kaxex għall-kaxu' jew għall-pilloli, kaxex tat-terra, portmonijiet bil-katina jew kuruni tar-rużarju).

   Dawn l-oġġetti jistgħu jkunu magħquda jew ingastati, per eżempju, permezz ta' perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, ħaġar sintetiku jew li reġa' nħadem, prezzjuż jew semi-prezzjuż, qoxra tal- fekruna, madre perla, avorju, ambra naturali jew li kienet rikostitwita, ġett jew korall.

10. Għall-għanijiet ta' titlu 7114, l-espressjoni "oġġetti ta' arġentiera" jew "oġġetti ta' min jaħdem il-fidda" tinkludi oġġetti bħal ornamenti, oġġetti tal-mejda, oġġetti tat-twaletta, ħtiġijiet ta' min ipejjep u oġġetti oħrajn għal użu tad-dar, ta' l-uffiċċju jew għal użu reliġjuż.

11. Għall-għanijiet ta' titlu 7117, l-espressjoni "ġojjelli artifiċjali" tfisser oġġetti ta' ġojjelli fis-sens ta' paragrafu (a) ta' nota 9 hawn fuq (iżda ma tinkludix buttuni jew oġġetti oħrajn ta' titlu 9606, jew imxat tal-ħwejjeġ, klipps tax-xagħar jew bħalhom, jew furfiċetti, ta' titlu 9615), ma fihomx perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż (naturali, artifiċjali jew rikostrutt) u lanqas (ħlief bħala kisi jew kostitwenti minuri) metall prezzjuż jew metall miksi b'metall prezzjuż.

Noti għas-subtitli

1. Għall-għanijiet ta' subtitli 7106 10, 7108 11, 7110 11, 7110 21, 7110 31 u 7110 41, l-espressjonijiet "trab" u "f'għamla ta' trab" jfissru prodotti li minn 90 % jew aktar tal-piż jgħaddi minn passatur b'apertura tax-xibka 0,5 mm.

2. Minkejja l-provvedimenti ta' nota 4(A) għal kapitlu, għall-għanijiet ta' subtitli 7110 11 u 7110 19, l-espressjoni "platinu" ma tinkludix iridju, osmju, palladju, rodju jew rutenju.

3. Għall-klassifikazzjoni ta' ligi fis-subtitli ta' titlu 7110, kull liga għandha tkun ikklassifikata ma' dak il-metall, platinu, palladju, rodju, iridju, osmju jew rutenju li jippredomina bil-piż fuq kull wieħed minn dawn il-metalli.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	I. **PERLI NATURALI JEW KULTIVATI U ĦAĠAR PREZZJUŻ JEW SEMI-PREZZJUŻ**		
7101	**Perli, naturali jew kultivati, maħdumin jew le jew iggradati iżda mhux midmumin, immuntati jew ingastati; perli, naturali jew kultivati, midmumin temporanjament għal konvenjenza fil-ġarr:**		
7101 10 00	– **Perli naturali**	B'xejn	g
	– **Perli kultivati:**		
7101 21 00	– – **Mhux maħdumin**	B'xejn	g
7101 22 00	– – **Maħdumin**	B'xejn	g
7102	**Djamanti, maħdumin jew le, iżda mhux immuntati jew ingastati:**		
7102 10 00	– **Mhux magħżulin**	B'xejn	c/k
	– **Industrijali:**		
7102 21 00	– – **Mhux maħdumin jew sempliċiment issegati, xpakkati jew maqtugħin**	B'xejn	c/k
7102 29 00	– – **Oħrajn**	B'xejn	c/k
	– **Mhux industrijali:**		
7102 31 00	– – **Mhux maħdumin jew sempliċiment issegati, xpakkati jew maqtugħin**	B'xejn	c/k
7102 39 00	– – **Oħrajn**	B'xejn	c/k
7103	**Ħaġar prezzjuż (ħlief djamanti) u ħaġar semi-prezzjuż, maħdum jew iggradat jew le iżda mhux midmum, immuntat jew ingastat; ħaġar prezzjuż mhux iggradat (ħlief djamanti) u ħaġar semi-prezzjuż, midmum temporanjament għal konvenjenza fil-ġarr:**		
7103 10 00	– **Mhux maħdumin jew sempliċiment issegati jew iffurmati ħorox**	B'xejn	—
	– **Maħdumin mod ieħor:**		
7103 91 00	– – **Rubini, żaffiri u żmeraldi**	B'xejn	g
7103 99 00	– – **Oħrajn**	B'xejn	g
7104	**Ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż artifiċjali jew rikostrutt, maħdum jew iggradat jew le iżda mhux midmum, immuntat jew ingastat; ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż artifiċjali jew rikostrutt mhux iggradat, midmum temporanjament għal konvenjenza fil-ġarr:**		
7104 10 00	– **Kwarzu pjeżoelettriku**	B'xejn	g
7104 20 00	– **Oħrajn, mhux maħdumin jew sempliċiment issegati jew iffurmati ħorox**	B'xejn	g
7104 90 00	– **Oħrajn**	B'xejn	g
7105	**Għabra u trab ta' ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż naturali jew artifiċjali:**		
7105 10 00	– **Ta' djamanti**	B'xejn	g
7105 90 00	– **Oħrajn**	B'xejn	g
	II. **METALLI PREZZJUŻI U METALLI MIKSIJIN B'METALL PREZZJUŻ**		
7106	**Fidda (inkluża fidda miksija bid-deheb jew platinu), mhux maħduma jew f'għamliet semi-manifatturati, jew f'għamla ta' trab:**		
7106 10 00	– **Trab**	B'xejn	g
	– **Oħrajn:**		
7106 91 00	– – **Mhux maħdumin**	B'xejn	g

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
7106 92 00	– – **Semi-manifatturati**	B'xejn	g
7107 00 00	**Metalli ta' valur baxx miksijin bil-fidda, mhux maħdumin aktar ħlief semi-manifatturati**	B'xejn	—
7108	**Deheb (inkluż deheb miksi bi platinu), mhux maħdum jew f'għamla semi-manifatturata, jew f'għamla ta' trab:**		
	– **Mhux monetarju:**		
7108 11 00	– – **Trab**	B'xejn	g
7108 12 00	– – **Għamliet oħrajn mhux maħdumin**	B'xejn	g
7108 13	– – **Għamliet oħrajn semi-manifatturati:**		
7108 13 10	– – – Biċċiet, vireg, wajer u sezzjonijiet; pjanċi; folji u strixxi ta' ħxuna, mingħajr xi dahar, akbar minn 0,15 mm	B'xejn	g
7108 13 80	– – – Oħrajn	B'xejn	g
7108 20 00	– **Monetarju**	B'xejn	g
7109 00 00	**Metalli ta' valur baxx jew fidda, miksijin bid-deheb, mhux maħdumin aktar ħlief semi-manifatturati**	B'xejn	—
7110	**Platinu, f'għamliet mhux maħdumin jew semi-manifatturati, jew f'għamla ta' trab:**		
	– **Platinu:**		
7110 11 00	– – **Mhux maħdum jew f'għamla ta' trab**	B'xejn	g
7110 19	– – **Oħrajn:**		
7110 19 10	– – – Biċċiet, vireg, wajer u sezzjonijiet; pjanċi; folji u strixxi ta' ħxuna, mingħajr xi dahar, akbar minn 0,15 mm	B'xejn	g
7110 19 80	– – – Oħrajn	B'xejn	g
	– **Palladju:**		
7110 21 00	– – **Mhux maħdum jew f'għamla ta' trab**	B'xejn	g
7110 29 00	– – **Oħrajn**	B'xejn	g
	– **Rodju:**		
7110 31 00	– – **Mhux maħdum jew f'għamla ta' trab**	B'xejn	g
7110 39 00	– – **Oħrajn**	B'xejn	g
	– **Iridju, osmju u rutenju:**		
7110 41 00	– – **Mhux maħdum jew f'għamla ta' trab**	B'xejn	g
7110 49 00	– – **Oħrajn**	B'xejn	g
7111 00 00	**Metalli ta' valur baxx, fidda jew deheb, miksijin bil-platinu, mhux maħdumin aktar ħlief semi-manifatturati**	B'xejn	—
7112	**Skart u fdal ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż; skart u fdal ieħor li fihom metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż, ta' tip użat l-aktar għall-irkupru ta' metall prezzjuż:**		
7112 30 00	– **Irmied li fih metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż**	B'xejn	—
	– **Oħrajn:**		

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
7112 91 00	– – **Ta' deheb, inkluż metall miksi bid-deheb iżda eskluži ġbir minn knis li fihom metalli prezzjuži oħrajn**	B'xejn	—
7112 92 00	– – **Ta' platinu, inkluż metall miksi bi platinu iżda eskluži ġbir minn knis li fihom metalli prezzjuži oħrajn**	B'xejn	—
7112 99 00	– – **Oħrajn**	B'xejn	—
	III. **ĠOJJELLI, OĠĠETTI TA' L-ARĠENTIERA U TA' MIN JAĦDEM IL-FIDDA U OĠĠETTI OĦRAJN**		
7113	**Oġġetti ta' ġojjelii u partijiet tagħhom, ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż:**		
	– **Ta' metall prezzjuż miksi jew indurat jew le b'metall prezzjuż:**		
7113 11 00	– – **Ta' fidda, miksija jew indurata jew le b'metall ieħor prezzjuż**	2,5	g
7113 19 00	– – **Ta' metall ieħor prezzjuż, miksi jew indurat jew le b'metall prezzjuż**	2,5	g
7113 20 00	– **Ta' metall b'valur baxx miksi b'metall prezzjuż**	4	—
7114	**Oġġetti ta' arġentiera jew ta' min jaħdem il-fidda u bċejjeċ tagħhom, ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż:**		
	– **Ta' metall prezzjuż miksi jew indurat jew le b'metall prezzjuż:**		
7114 11 00	– – **Ta' fidda, miksija jew indurata jew le b'metall ieħor prezzjuż**	2	g
7114 19 00	– – **Ta' metall ieħor prezzjuż, miksi jew indurat jew le b'metall prezzjuż**	2	g
7114 20 00	– **Ta' metall b'valur baxx miksi b'metall prezzjuż**	2	—
7115	**Oġġetti oħrajn ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż:**		
7115 10 00	– **Katalisti f'għamla ta' drapp tal-wajer jew gradilja, tal-platinu**	B'xejn	—
7115 90 00	– **Oħrajn**	3	—
7116	**Oġġetti ta' perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż (naturali, artifiċjali jew rikostrutt):**		
7116 10 00	– **Ta' perli naturali jew kultivati**	B'xejn	g
7116 20	– **Ta' ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż (naturali, artifiċjali jew rikostrutt):**		
7116 20 11	– – Ġiżirajjen, brazzuletti u oġġetti oħrajn magħmul kompletament minn ħaġar naturali prezzjuż jew semi-prezzjuż, sempliċiment midmumim mingħajr molol jew aċċessorji oħrajn	B'xejn	g
7116 20 80	– – Oħrajn	2,5	g
7117	**Ġojjelli artifiċjali:**		
	– **Ta' metall ta' valur baxx, miksi jew le b'metall prezzjuż:**		
7117 11 00	– – **Pulzieri u buttuni (*studs*)**	4	—
7117 19 00	– – **Oħrajn**	4	—
7117 90 00	– **Oħrajn**	4	—
7118	**Munita:**		
7118 10 00	– **Munita (ħlief munita tad-deheb), li mhix valuta legali**	B'xejn	g
7118 90 00	– **Oħrajn**	B'xejn	g

TAQSIMA XV

METALLI TA' VALUR BAXX U OĠĠETTI TA' METALLI TA' VALUR BAXX

Noti

1. Din it-taqsima ma tkoprix:

   (a) żebgħa, linka jew prodotti oħrajn ippreparati b'bażi ta' qxur jew trab metalliċi (titli 3207 sa 3210, 3212, 3213 jew 3215);

   (b) ferro-ċerju jew ligi oħrajn piroforiċi (titlu 3606);

   (ċ) ilbies għar-ras jew partijiet tiegħu ta' titlu 6506 jew 6507;

   (d) qofsa ta' umbrelel jew oġġetti oħrajn ta' titlu 6603;

   (e) oġġetti ta' Kapitlu 71 (per eżempju, ligi ta' metalli prezzjużi, metall ta' valur baxx miksi b'metall prezzjuż, ġojjelli artifiċjali);

   (f) oġġetti ta' Taqsima XVI (makkinarju, għodod mekkaniċi u oġġetti elettriċi);

   (g) linja immontata tat-trenn jew tat-tramm (titlu 8608) jew oġġetti oħrajn ta' Taqsima XVII (vetturi, bastimenti u dgħajjes, biċċiet tal-ajru);

   (h) strumenti jew apparat ta' Taqsima XVIII, inklużi molol għal arloġġi u għal arloġġi tal-idejn;

   (ij) ċomb tal-iskratać ippreparat għal munizzjon (titlu 9306) jew oġġetti oħrajn ta' Taqsima XIX (armi u munizzjon);

   (k) oġġetti ta' Kapitlu 94 (per eżempju, għamara, irfid għas-saqqijiet, lampi u tagħmir (*fittings*) tad-dawl, sinjali mdawwlin, bini prefabbrikat);

   (l) oġġetti ta' Kapitlu 95 (per eżempju, ġugarelli, logħob, ħtiġijiet tal-isport);

   (m) passaturi tal-idejn, buttuni, pinen, reċipjenti tal-lapsijiet, ponot tal-pinen, monopodi, bipodi, tripodi u oġġetti simili jew oġġetti oħra tal-Kapitolu 96 (oġġetti mmanifaturati mixxellanji); jew

   (n) oġġetti ta' Kapitlu 97 (per eżempju, xogħlijiet tal-arti).

2. Matul in-nomenklatura, l-espresjoni "partijiet għal użu ġenerali" tfisser:

   (a) oġġetti ta' titlu 7307, 7312, 7315, 7317 jew 7318 u oġġetti simili ta' metall ieħor ta' valur baxx;

   (b) molol u strixxi ta' molol, ta' metall ta' valur baxx, ħlief molol ta' arloġġi jew ta' arloġġi tal-idejn (titlu 9114); u

   (ċ) oġġetti ta' titli 8301, 8302, 8308, 8310 u gwarniċi u mirja, ta' metall ta' valur baxx, ta' titlu 8306.

   F'Kapitli 73 sa 76 u 78 sa 82 (iżda mhux f'titlu 7315), riferenzi għal partijiet ta' oġġetti ma jinkludux riferenzi għal partijiet ta' użu ġenerali kif definit hawn fuq.

   Suġġett għall-paragrafu preċedenti u għal nota 1 għal Kapitlu 83, l-oġġetti ta' Kapitlu 82 jew 83 huma esklużi minn Kapitlu 72 sa 76 u 78 sa 81.

3. Matul in-nomenklatura, l-espressjoni "metalli ta' valur baxx" tfisser ħadid u azzar, ram, nikil, aluminju, ċomb, żingu, landa, tungstenu (*wolfram*), molibdenju, tantalju, manjeżju, kobalt, bismut, kadmju, titanju, żirkonju, antimonju, manganiż, berillju, kromju, ġermanju, vanadju, gallju, ħafnju, indju, nijobju (kolombju), renju u tallju.

4. Matul in-nomenklatura, l-espressjoni "kermiti" tfisser prodotti li fihom taħlita eteroġenika mikroskopika ta' komponent metalliku u komponent ċeramiku. It-terminu "kermiti" jinkludi karburi ta' metall mgħaqqdin solidi (*sintered*) (karburi ta' metall mgħaqqdin solidi ma' metall).

5. Klassifikazzjoni ta' ligi (ħlief ferro-ligi u ligi prinċipali kif definiti f'Kapitli 72 u 74):

   (a) Liga ta' metalli ta' valur baxx għandha tkun ikklassifikata bħala liga tal-metall li jippredomina fil-piż fuq kull wieħed mill-metalli l-oħrajn.

   (b) Liga magħmula minn metalli ta' valur baxx ta' din it-taqsima u minn elementi li ma jaqgħux f'din it-taqsima għandha titqies bħala liga ta' metalli ta' valur baxx ta' din it-taqsima jekk il-piż totali ta' dawn il-metalli huwa daqs jew ikbar mill-piż totali ta' l-elementi l-oħrajn preżenti.

   (ċ) F'din it-taqsima, it-terminu "ligi" jinkludi taħlit mgħaqqad solidu (*sintered*) ta' trabijiet ta' metall, taħlit intimu eteroġeniku magħmul bit-tidwib (ħlief ta' kermiti) u komposti intermetalliċi.

6. Sakemm il-kuntest jesiġi mod ieħor, kull riferenza fin-nomenklatura għal metall ta' valur baxx tinkludi riferenza għal ligi li, permezz ta' nota 5 hawn fuq, għandhom ikunu kklassifikati bħala ligi ta' dak il-metall.

7. Klassifikazzjoni ta' oġġetti komposti:

Ħlief fejn it-titli jesiġu mod ieħor, oġġetti ta' metall ta' valur baxx (inklużi oġġetti ta' metalli mħalltin ittrattati bħala oġġetti ta' metall ta' valur baxx taħt ir-regoli interpretattivi) li fihom żewġ metalli jew aktar ta' valur baxx għandhom jitqiesu bħala oġġetti tal-metall ta' valur baxx li jippredomina fil-piż fuq kull wieħed mill-metalli l-oħrajn.

Għal dan il-għan:

(a) Ħadid u azzar, jew kwalitajiet differenti ta' ħadid jew azzar, jitqiesu bħala wieħed u l-istess metall.

(b) Liga titqies li hija kompletament magħmula minn dak il-metall li hija kklassifikata bħala liga tiegħu, skond nota 5.

(ċ) Kermit ta' titlu 8113 jitqies bħala metall wieħed ta' valur baxx.

8. F'din it-taqsima, dawn l-espressjonijiet għandhom it-tifsiriet mogħtijin lilhom hawnhekk:

(a) Skart u fdal

Skart u fdal ta' metall mill-manifattura jew xogħol mekkaniku ta' metalli, u oġġetti tal-metall li żgur mhumiex tajbin għall-użu bħala tali minħabba ksur, qtugħ, użu u raġunijiet oħrajn.

(b) Trabijiet

Prodotti li minnhom 90 % jew aktar tal-piż jgħaddi minn passatur b'apertura tax-xibka ta' 1 mm.

KAPITLU 72

ĦADID U AZZAR

Noti

1. F'dan il-kapitlu u, fil-każ ta' noti (d), (e) u (f) matul in-nomenklatura, dawn l-espressjonijiet għandhom it-tifsiriet mogħtijin lilhom hawnhekk:

(a) Ħadid mhux maħdum għadu ħiereġ mill-kalkara (*pig iron*)

Ligi ta' karbonju-ħadid mhux malleabbli għall-ħtieġa, li fihom iktar minn 2 % tal-piż ta' karbonju u li jista' jkun fihom element ieħor jew aktar f'dawn il-limiti tal-piż:

— mhux iktar minn 10 % ta' kromju,

— mhux iktar minn 6 % ta' manganiż,

— mhux iktar minn 3 % ta' fosfru,

— mhux iktar minn 8 % ta' silikon,

— total ta' mhux iktar minn 10 % ta' elementi oħrajn.

(b) *Spiegeleisen*

Ligi ta' karbonju-ħadid li fihom bil-piż iktar minn 6 % iżda mhux iktar minn 30 % ta' manganiż u jaqblu mod ieħor ma' l-ispeċifikazzjoni f'(a) hawn fuq.

(ċ) Ferro-ligi

Ligi f'mases tawwalin ħerġin mill-kalkara (*pigs*), blokki, għoqod jew f'forom primarji simili, f'forom magħmulin b'tidwib kontinwu u ukoll f'forom ta' qmuħ jew trab, agglomerati jew le, komunement użati bħala addittiv fil-manifattura ta' ligi oħrajn jew bħala de-ossidanti, aġenti biex ineħħu l-kubrit (*de-sulphurising*) jew għal użi simili fil-metallurġija tal-ħadid u ġeneralment mhux malleabbli għall-ħtieġa, li fihom 4 % jew aktar tal-piż ta' l-element ħadid u wieħed jew aktar minn dawn:

— aktar minn 10 % ta' kromju,

— aktar minn 3 % ta' manganiż,

— aktar minn 3 % ta' fosfru,

— aktar minn 8 % ta' silikon,

— total ta' aktar minn 10 % ta' elementi oħrajn, ħlief karbonju, suġġett għal kontenut massimu ta' 10 % fil-każ ta' ram.

(d) Azzar

Materjali ta' ħadid ħlief dawk ta' titlu 7203 li (ħlief ċerti tipi maħdumin f'għamliet ta' ikkastjar) huma malleabbli għall-ħtieġa u li fihom 2 % jew inqas tal-piż karbonju. Madankollu, azzar tal-kromju jista' jkollu proporzjonijiet ogħla ta' karbonju.

(e) Azzar ma jsaddadx (*stainless steel*)

Azzar ta' ligi li fihom, bil-piż, 1,2 % jew inqas ta' karbonju u 10,5 % jew aktar ta' kromju, b'elementi oħrajn jew le.

(f) Azzar ta' liga oħra

Azzar li ma joqgħodx għat-tifsira ta' *stainless steel* u li fih bil-piż wieħed jew aktar minn dawn l-elementi fil-proporzjonijiet li ġejjin:

— 0,3 % jew aktar ta' aluminju,

— 0,0008 % jew aktar ta' boron,

— 0,3 % jew aktar ta' kromju,

— 0,3 % jew aktar ta' kobalt,

— 0,4 % jew aktar ta' ram,

— 0,4 % jew aktar ta' ċomb,

— 1,65 % jew aktar ta' manganiż,

— 0,08 % jew aktar ta' molibdenu,

— 0,3 % jew aktar ta' nikil,

— 0,06 % jew aktar ta' nijobju,

— 0,6 % jew aktar ta' silikon,

— 0,05 % jew aktar ta' titanju,

— 0,3 % jew aktar ta' tungstenu (*wolfram*),

— 0,1 % jew aktar ta' vanadju,

— 0,05 % jew aktar ta' żirkonju,

— 0,1 % jew aktar ta' elementi oħrajn (ħlief kubrit, fosfru, karbonju u nitroġenu), meħudin separatament.

(g) Tidwib mill-ġdid ta' ingotti skart ta' ħadid jew azzar

Prodotti ikkastjati raff f'forma ta' ingotti mingħajr irjus ta' l-alimentatur (*feeder-heads*) jew *hot tops*, jew ta' mases tawwalin ħerġin mill-kalkara (*pigs*), b'difetti ovvji fil-wiċċ u mhux konformi għall-kompożizzjoni kimika ta' ħadid mhux maħdum għadu ħiereġ mill-kalkara (*pig iron*), *spiegeleisen* jew ferro-ligi.

(h) Qmuħ

Prodotti li inqas minn 90 % tal-piż tagħhom jgħaddi minn passatur b'fetħa ta' xibka ta' 1 mm u li minnhom 90 % jew aktar tal-piż jgħaddi minn passatur b'fetħa ta' xibka ta' 5 mm.

(ij) Prodotti nofshom lesti

Prodotti ta' qatgħa solida kkastjati kontinwament, suġġetti għal irrumblar bis-sħana (*hot-rolling*) primarju; u prodotti oħrajn ta' qatgħa solida, li ma kinux maħdumin aktar ħlief suġġetti għal irrumblar bis-sħana (*hot-rolling*) primarju jew iffurmati raff bil-kiwi fil-forġa, inklużi xogħol mhux maħdum (*blanks*) għal angoli, forom jew qatgħat.

Dawn il-prodotti ma humiex ippreżentati f'koljaturi.

(k) Prodotti rrumblati ċatt

Prodotti rrumblati ta' qatgħa solida rettangulari (ħlief kwadra), li ma humiex konformi għat-tifsira f'(ij) fuq f'forma ta':

— koljaturi b'saffi superimposti suċċessivament, jew

— tulijiet dritti, li jekk huma ta' ħxuna inqas minn 4,75 mm huma wiesgħa għallinqas 10 darbiet tal-ħxuna jew jekk huma ta' ħxuna ta' 4,75 mm jew aktar huma usa' minn 150 mm u għallinqas id-doppju tal-ħxuna.

Prodotti rrumblati ċatt jinkludu dawk b'disinji f'riljiev magħmul direttt mill-irrumblar (per eżempju, skanalaturi, kustilji, ċangaturi, tiċrit, buttuni, rombi) u dawk li kienu mtaqqbin, immewwġin jew illustrati, sakemm b'hekk huma ma jeħdux il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' titli oħrajn.

Prodotti rrumblati ċatt ta' għamla mhux rettangulari jew kwadra, ta' kull qies, għandhom ikunu kklassifikati bħala prodotti wesgħin 600 mm jew aktar, sakemm ma jeħdux il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' titli oħrajn.

(l) Biċċiet u vireg, irrumblati bis-sħana, f'koljaturi mkebbin bl-addoċċ

Prodotti irrumblati bis-sħana f'koljaturi mkebbin bl-addoċċ, li għandhom qatgħa solida f'forma ta' ċrieki, segmenti ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inkludi kwadri), trijangoli jew poligoni konvessi oħrajn (inklużi "ċrieki ċċattjati" u "rettangoli modifikati", li żewġ naħat opposti tagħhom huma arki konvessi, iż-żewġ naħat l-oħra dritti, indaqs u paralleli). Dawn il-prodotti jistgħu jkollhom forom ta' snien, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħrajn magħmulin waqt il-proċess ta' irrumblar (biċċiet u vireg ta' rinforz).

(m) Biċċiet u vireg oħrajn

Prodotti li ma humiex konformi ma' xi tifsira f'(ij), (k) jew (l) hawn fuq jew għat-tifsira ta' wajer, b'wiċċ ta' qatgħa uniformi solidu mat-tul kollu tagħhom f'għamla ta' ċrieki, segmenti ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inklużi kwadri), trijangoli jew poligoni konvessi oħrajn (inklużi "ċrieki ċċattjati" u "rettangoli modifikati", li żewġ naħat opposti tagħhom huma arki konvessi, iż-żewġ naħat l-oħra dritti, indaqs u paralleli).

Dawn il-prodotti jistgħu:

— jkollhom forom ta' snien, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħrajn magħmulin waqt il-proċess ta' irrumblar (biċċiet u vireg ta' rinforz),

— ikunu mibrumin wara irrumblar.

(n) Angoli, forom u qatgħat

Prodotti b'wiċċ ta' qatgħa solidu uniformi mat-tul kollu tagħhom li ma humiex konformi ma' xi tifsira f'(ij), (k), (l) jew (m) hawn fuq jew mat-tifsira ta' wajer.

Kapitlu 72 ma jinkludix prodotti ta' titlu 7301 jew 7302.

(o) Wajer

Prodotti magħmulin f'temperatura normali (*cold-formed*) f'koljaturi, b'xi wiċċ ta' qatgħa solidu uniformi mat-tul kollu tagħhom, li ma humiex konformi mat-tifsira ta' prodotti rrumblati ċatt.

(p) Biċċiet u vireg vojta għat-trapan

Biċċiet u vireg vojta ta' kull wiċċ ta' qatgħa, tajbin għal trapani, li l-ikbar qies minn barra tal-qatgħa tagħhom jaqbeż il-15-il mm iżda ma jaqbiżx it-52 mm, u li l-ikbar qies minn ġewwa tal-qatgħa tagħhom ma jaqbiżx nofs l-ikbar qies minn barra. Biċċiet u vireg vojta ta' ħadid jew azzar li mhumiex konformi ma' din it-tifsira għandhom ikunu kklassifikati f' titlu 7304.

2. Metalli ta' ħadid miksijin b'metall ta' ħadid ieħor għandhom ikunu kklassifikati bħala prodotti tal-metall ta' ħadid li jippredomina bil-piż.

3. Prodotti ta' ħadid jew azzar magħmulin b'depożitu elettrolitiku, b'iffurmar bi pressa jew b'tagħqid (*sintering*) għandhom ikunu kklassifikati, skond il-forma, il-kompożizzjoni u l-apparenza tagħhom, fit-titli ta' dan il-kapitlu li jaqbel għal prodotti simili rrumblati bis-sħana.

Noti għas-subtitli

1. F'dan il-kapitlu, dawn l-espressjonijiet għandhom it-tifsiriet li jingħatawlhom hawn:

(a) Liga ta' ħadid mhux maħdum għadu ħiereġ mill-kalkara (*pig iron*)

Ħadid mhux maħdum (*pig iron*) li fih wieħed jew aktar minn dawn l-elementi fil-proporzjonijiet speċifikati:

— iktar minn 0,2 % ta' kromju,

— iktar minn 0,3 % ta' ram,

— iktar minn 0,3 % ta' nikil,

— iktar minn 0,1 % ta' xi element minn dawn: aluminju, molibdenu, titanju, tungstenu (*wolfram*), vanadju.

(b) Azzar awtomatiku (*free-cutting*) mhux-liga

Azzar mhux-liga li fih, bil-piż, wieħed jew aktar minn dawn l-elementi fil-proporzjonijiet speċifikati:

— 0,08 % jew aktar ta' kubrit,

— 0,1 % jew aktar ta' ċomb,

— iktar minn 0,05 % ta' selenju,

— iktar minn 0,01 % ta' tellurju,

— iktar minn 0,05 % ta' bismut.

(ċ) Azzar ta' elettriku-silikon

Azzar ligi li fihom bil-piż mill-inqas 0,6 % iżda mhux aktar minn 6 % ta' silikon u mhux aktar minn 0,08 % ta' karbonju. Dawn jistgħu jkun fihom ukoll mhux iktar minn 1 % tal-piż aluminju iżda ebda element ieħor fi proporzjon li jagħti lill-azzar il-karatteristiċi ta' azzar liga oħra.

(d) Azzar għal veloċità għolja

Azzar ligi li fihom, ma elementi oħrajn jew le, għall inqas tnejn mit-tliet elementi molibdenu, tungstenu u vanadju b'kontenut flimkien bil-piż ta' 7 % jew iktar , 0,6 % jew aktar ta' karbonju u 3 sa 6 % ta' kromju.

(e) Azzar siliko-manganiż

Azzar ligi li fihom bil-piż:

— mhux iktar minn 0,7 % ta' karbonju,

— 0,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 1,9 % ta' manganiż, u

— 0,6 % jew aktar iżda mhux aktar minn 2,3 % ta' silikon, iżda ebda element ieħor fi proporzjon li jagħti lill-azzar il-karatteristiċi ta' azzar liga oħra.

2. Għall-klassifikazzjoni ta' ligi tal-ħadid fis-subtitli ta' titlu 7202, għandha tkun osservata din ir-regola:

Prodotti vojta, f'koljaturi jew le, b'wiċċ ta' qatgħa uniformi b'vojt wieħed biss magħluq ma' tulhom kollu f'għamla ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inklużi kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari, u li għandhom ħxuna ta' ħitan uniformi. Prodotti b'wiċċ ta' qatgħa rettangulari (inkluż kwadru), triangolari ekwilaterali jew poligonali konvessi regolari, li jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati matulhom kollu, għandhom ukoll jitqiesu li huma tubi u pajpijiet sakemm l-uċuħ ta' qatgħa ta' ġewwa u ta' barra huma konċentriċi u għandhom l-istess għamla u orjentazzjoni. Tubi u pajpijiet bl-uċuħ ta' qatgħa t'hawn fuq jistgħu jkunu illustrati, miksijin, mgħawwġin, bil-kamin, imtaqqbin, bil-qadd, imwessgħin, f'forma ta' koni jew mgħammrin bi flanġijiet, kullari jew ċrieki.

Nota għas-subtitlu

1. F'dan il-kapitlu, dawn l-espressjoni "ċomb raffinat" tfisser:

Metall li fih bil-piż għallinqas 99 % ta' ċomb, sakemm il-kontenut bil-piż ta' kull element ieħor ma jaqbiżx il-limitu specifikat f'din it-tabella:

Elementi Oħrajn

Elementi		% tal-kontenut li tillimita, bil-piż
Ag	Fidda	0,02
As	Arseniku	0,005
Bi	Bismut	0,05
Ca	Kalċju	0,002
Cd	Kadmju	0,002
Cu	Ram	0,08
Fe	Ħadid	0,002
S	Kubrit	0,002
Sb	Antimonju	0,005
Sn	Landa	0,005
Zn	Żingu	0,002
Oħrajn (per eżempju, Te), kull wieħed		0,001

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
7801	**Ċomb mhux maħdum:**		
7801 10 00	– **Ċomb raffinat**	2,5	—
	– **Oħrajn::**		
7801 91 00	– – **Li fihom bil-piż antimonju bħala l-element l-ieħor prinċipali**	2,5 ([1])	—
7801 99	– – **Oħrajn::**		
7801 99 10	– – – Għal raffinar, li fih 0,02 % jew aktar bil-piż fidda (*bullion lead*) ([2])	B'xejn	—
7801 99 90	– – – Oħrajn:	2,5	—
7802 00 00	**Skart u fdal ta' ċomb**	B'xejn	—

([1]) Dazju tad-Dwana awtonomament sospiż, għal perijodu indefinit, għal ċomb għal raffinar, li fih 0,02 % jew aktar bil-piż fidda (*bullion lead*) (Kodiċi TARIC 7801 91 00 10). Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għal kundizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti tal-Unjoni Ewropea rilevanti (ara Artiklu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)).

([2]) Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti tal-Unjoni Ewropea rilevanti (ara Artiklu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
[7803]			
7804	**Pjanċi, folji, strixxa u fojl ta' ċomb; trabijiet u laqx ta' ċomb:**		
	– Pjanċi, folji, strixxa u fojl:		
7804 11 00	**– – Folji, strixxa u fojl mhux eħxen (mingħajr kull rinforz) minn 0,2 mm**	5	—
7804 19 00	**– – Oħrajn**	5	—
7804 20 00	**– Trabijiet u laqx**	B'xejn	—
[7805]			
7806 00	**Oġġetti oħrajn ta' ċomb:**		
7806 00 10	– Kontenituri b'kisja ċomb kontra r-radjazzjoni, għall-ġarr jew ħażna ta' materjali radjuattivi (*Ewratom*)	B'xejn	—
7806 00 80	– Oħrajn	5	—

KAPITLU 79

ŻINGU U OĠĠETTI TIEGĦU

Nota

1. F'dan il-kapitlu, dawn l-espressjonijiet għandhom it-tifsiriet mogħtijin lilhom hawnhekk:

(a) Biċċiet (*bars*) u vireg:

Prodotti rrumblati, maħruġin, miġbudin jew mikwijin fil-forġa, mhux f'koljaturi, li għandhom wiċċ ta' qatgħa solidu uniformi matulhom kollha f'għamla ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inklużi kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari (inklużi "ċrieki ċċatjati" u "rettangoli modifikati", li minnhom żewġ ġnub opposti huma arki konvessi, iż-żewġ ġnub l-oħra dritti, l-istess tul u paralleli). Prodotti b'wiċċ ta' qatgħa rettangulari (inkluż kwadru), triangulari jew poligonali jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati matulhom kollu. Il-ħxuna ta' dawn il-prodotti li għandhom wiċċ ta' qatgħa rettangulari (inkluż "rettangulari modifikat") taqbeż wieħed-minn-għaxra tal-wisgħa. L-espressjoni tkopri wkoll prodotti kkastjati jew mgħaqqdin bis-sħana, ta' l-istess forom u qisien, li nħadmu aktar wara l-produzzjoni (ħlief b'sempliċiment tirqim jew tneħħija tal-ġebla), sakemm b'hekk huma ma assumewx il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' titli oħrajn.

(b) Profili:

Prodotti rrumblati, maħruġin, miġbudin, mikwijin fil-forġa jew iffurmati, f'koljaturi jew le, ta' wiċċ ta' qatgħa uniformi matulhom kollu, li ma humiex konformi ma' xi definizzjoni ta' biċċiet, vireg, wajer, pjanċi, folji, strixxa, fojl, tubi u pajpijiet. L-espressjoni tkopri ukoll prodotti kkastjati jew mgħaqqdin bis-sħana, ta' l-istess forom, li kienu mbagħad maħdumin wara l-produzzjoni (mod ieħor ħlief b'sempliċiment tirqim jew bit-tneħħija tal-ġebla), sakemm b'hekk huma ma assumewx il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' titli oħrajn.

(ċ) Wajer:

Prodotti rrumblati, maħruġin jew miġbudin, f'koljaturi, b'wiċċ ta' qatgħa solidu uniformi matulhom kollu f'għamla ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inklużi kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari (inklużi "ċrieki ċċatjati" u "rettangoli modifikati", li minnhom żewġ ġnub opposti huma arki konvessi, iż-żewġ ġnub l-oħra dritti, l-istess tul u paralleli). Prodotti b'wiċċ ta' qatgħa rettangulari (inkluż kwadru), triangulari jew poligonali jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati matulhom kollu. Il-ħxuna ta' dawn il-prodotti li għandhom wiċċ ta' qatgħa rettangulari (inkluż "rettangulari modifikat") taqbeż wieħed-minn-għaxra tal-wisgħa.

(d) Pjanċi, folji, strixxa u fojl:

Prodotti b'wiċċ ċatt (ħlief għall-prodotti mhux maħdumin ta' titlu 7901), f'koljaturi jew le, ta' wiċċ ta' qatgħa solidu rettangulari (ħlief kwadru) bil-kantunieri ttundjati jew le (inklużi "rettanguli modifikati" li minnhom żewġ ġnub opposti huma arki konvessi, iż-żewġ ġnub l-oħra dritti, l-istess tul u paralleli) ta' ħxuna uniformi, li huma:

— ta' forma rettangulari (inkluż kwadra) ta' ħxuna mhux aktar minn wieħed-minn-għaxra tal-wisgħa,

— ta' forma oħra mhux rettangulari jew kwadra, ta' kull qies, sakemm ma jassumux il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' titli oħrajn.

Titlu 7905 japplika, *inter alia*, għal pjanċi, folji, strixxi u fojl b'disinji (per eżempju, gruvijiet, rigi, ċangaturi, tiċrit, buttuni, rombi) u għal dawk il-prodotti li kienu mtaqqbin, immewwġin, illustrati jew miksijin, sakemm b'hekk ma jassumux il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' titli oħrajn.

(e) Tubi u pajpijiet:

Prodotti vojta, f'koljaturi jew le, b'wiċċ ta' qatgħa uniformi b'vojt wieħed biss magħluq ma' tulhom kollu f'għamla ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inklużi kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari, u li għandhom ħxuna ta' ħitan uniformi. Prodotti b'wiċċ ta' qatgħa rettangulari (inkluż kwadru), triangolari ekwilaterali jew poligonali konvessi regolari, li jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati matulhom kollu, għandhom ukoll jitqiesu li huma tubi u pajpijiet sakemm l-uċuħ ta' qatgħa ta' ġewwa u ta' barra huma konċentriċi u għandhom l-istess għamla u orjentazzjoni. Tubi u pajpijiet bl-uċuħ ta' qatgħa t'hawn fuq jistgħu jkunu illustrati, miksijin, mgħawwġin, bil-kamin, imtaqqbin, bil-qadd, imwessgħin, f'forma ta' koni jew mgħammrin bi flanġijiet, kullari jew ċrieki.

Nota għas-subtitlu

1. F'dan il-kapitlu, dawn l-espressjonijiet għandhom it-tifsiriet mogħtijin lilhom hawnhekk:

   (a) Żingu, mhux illigat:

   Metall li fih bil-piż għallinqas 97,5 % ta' żingu.

   (b) Ligi ta' żingu:

   Sustanzi metalliċi li fihom iż-żingu jippredomina bil-piż fuq kull wieħed mill-elementi l-oħrajn, sakemm il-kontenut totali bil-piż ta' dawn l-elementi l-oħrajn jaqbeż it-2,5 %.

   (ċ) Trab taż-żingu:

   Trab magħmul bil-kondensazzjoni ta' fwar ta' żingu, li huwa magħmul minn frak sferikali ifjen minn trabijiet ta' żingu. Għallinqas 80 % bil-piż tal-frakijiet jgħaddu minn għarbiel b'toqob ta' xibka ta' 63 μm (mikroni). Għandu jkun fih mill-inqas 85 % bil-piż ta' żingu metalliku.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
7901	**Żingu mhux maħdum:**		
	– Żingu, mhux illigat::		
7901 11 00	**– – Li fih bil-piż 99,99 % jew aktar żingu**	2,5	—
7901 12	**– – Li fih bil-piż inqas minn 99,99 % żingu::**		
7901 12 10	– – – Li fih bil-piż 99,95 % jew aktar iżda inqas minn 99,99 % żingu	2,5	—
7901 12 30	– – – Li fih bil-piż 98,5 % jew aktar iżda inqas minn 99,95 % żingu	2,5	—
7901 12 90	– – – Li fih bil-piż 97,5 % jew aktar iżda inqas minn 98,5 % żingu	2,5	—
7901 20 00	**– Ligi ta' żingu**	2,5	—
7902 00 00	**Skart u fdal ta' żingu**	B'xejn	—
7903	**Trab, terer u laqx ta' żingu:**		
7903 10 00	**– Trab ta' żingu**	2,5	—
7903 90 00	**– Oħrajn**	2,5	—
7904 00 00	**Biċċiet sħaħ (*bars*), vireg, profili u wajer ta' żingu**	5	—
7905 00 00	**Pjanċi, folji, strixxa u fojl ta' żingu**	5	—
[7906]			
7907 00 00	**Oġġetti oħrajn ta' żingu**	5	—

KAPITLU 80

LANDA U OĠĠETTI TAGĦHA

Nota

1. F'dan il-kapitlu, dawn l-espressjonijiet għandhom it-tifsiriet mogħtijin lilhom hawnhekk:

(a) Biċċiet (*bars*) u vireg:

Prodotti rrumblati, maħruġin, miġbudin jew mikwijin fil-forġa, mhux f'koljaturi, li għandhom wiċċ ta' qatgħa solidu uniformi matulhom kollha f'għamla ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inklużi kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari (inklużi "ċrieki ċċatjati" u "rettangoli modifikati", li minnhom żewġ ġnub opposti huma arki konvessi, iż-żewġ ġnub l-oħra dritti, l-istess tul u paralleli). Prodotti b'wiċċ ta' qatgħa rettangulari (inkluż kwadru), triangulari jew poligonali jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati matulhom kollu. Il-ħxuna ta' dawn il-prodotti li għandhom wiċċ ta' qatgħa rettangulari (inkluż "rettangulari modifikat") taqbeż wieħed-minn-għaxra tal-wisgħa. L-espressjoni tkopri wkoll prodotti kkastjati jew mgħaqqdin bis-sħana, ta' l-istess forom u qisien, li nħadmu aktar wara l-produzzjoni (ħlief b'sempliċiment tirqim jew tneħħija tal-ġebla), sakemm b'hekk huma ma assumewx il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' titli oħrajn.

(b) Profili:

Prodotti rrumblati, maħruġin, miġbudin, mikwijin fil-forġa jew iffurmati, f'koljaturi jew le, ta' wiċċ ta' qatgħa uniformi matulhom kollu, li ma humiex konformi ma' xi definizzjoni ta' biċċiet, vireg, wajer, pjanċi, folji, strixxa, fojl, tubi u pajpijiet. L-espressjoni tkopri ukoll prodotti kkastjati jew mgħaqqdin bis-sħana, ta' l-istess forom, li kienu mbagħad maħdumin wara l-produzzjoni (mod ieħor ħlief b'sempliċiment tirqim jew bit-tneħħija tal-ġebla), sakemm b'hekk huma ma assumewx il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' titli oħrajn.

(ċ) Wajer:

Prodotti rrumblati, maħruġin jew miġbudin, f'koljaturi, b'wiċċ ta' qatgħa solidu uniformi matulhom kollu f'għamla ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inklużi kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari (inklużi "ċrieki ċċatjati" u "rettangoli modifikati", li minnhom żewġ ġnub opposti huma arki konvessi, iż-żewġ ġnub l-oħra dritti, l-istess tul u paralleli). Prodotti b'wiċċ ta' qatgħa rettangulari (inkluż kwadru), triangulari jew poligonali jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati matulhom kollu. Il-ħxuna ta' dawn il-prodotti li għandhom wiċċ ta' qatgħa rettangulari (inkluż "rettangulari modifikat") taqbeż wieħed-minn-għaxra tal-wisgħa.

(d) Pjanċi, folji, strixxa u fojl:

Prodotti b'wiċċ ċatt (ħlief għall-prodotti mhux maħdumin ta' titlu 8001), f'koljaturi jew le, ta' wiċċ ta' qatgħa solidu rettangulari (ħlief kwadru) bil-kantunieri ttundjati jew le (inklużi "rettanguli modifikati" li minnhom żewġ ġnub opposti huma arki konvessi, il-ġenbejn l-oħra dritti, l-istess tul u paralleli) ta' ħxuna uniformi, li huma:

— ta' forma rettangulari (inkluż kwadra) ta' ħxuna mhux aktar minn wieħed-minn-għaxra tal-wisgħa,

— ta' forma oħra mhux rettangulari jew kwadra, ta' kull qies, sakemm ma jassumux il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' titli oħrajn.

(e) Tubi u pajpijiet:

Prodotti vojta, f'koljaturi jew le, b'wiċċ ta' qatgħa uniformi b'vojt wieħed biss magħluq ma' tulhom kollu f'għamla ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inklużi kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari, u li għandhom ħxuna ta' ħitan uniformi. Prodotti b'wiċċ ta' qatgħa rettangulari (inkluż kwadru), triangolari ekwilaterali jew poligonali konvessi regolari, li jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati matulhom kollu, għandhom ukoll jitqiesu li huma tubi u pajpijiet sakemm l-uċuħ ta' qatgħa ta' ġewwa u ta' barra huma konċentriċi u għandhom l-istess għamla u orjentazzjoni. Tubi u pajpijiet bl-uċuħ ta' qatgħa t'hawn fuq jistgħu jkunu illustrati, miksijin, mgħawwġin, bil-kamin, imtaqqbin, bil-qadd, imwessgħin, f'forma ta' koni jew mgħammrin bi flanġijiet, kullari jew ċrieki.

Nota għas-subtitlu

1. F'dan il-kapitlu, dawn l-espressjonijiet għandhom it-tifsiriet mogħtijin lilhom hawnhekk:

(a) Landa, mhux illigata:

Metall li fih bil-piż għallinqas 99 % ta' landa, sakemm il-kontenut bil-piż ta' xi bismut jew ram huwa inqas mil-limitu speċifikat f'din it-tabella:

Elementi Oħrajn

Elementi		% tal-kontenut li tillimita, bil-piż
Bi	Bismut	0,1
Cu	Ram	0,4

(b) Ligi ta' landa:

Sustanzi metalliċi li fihom il-landa tippredomina bil-piż fuq kull wieħed mill-elementi l-oħrajn, sakemm:

(1) il-kontenut totali bil-piż ta' dawn l-elementi l-oħrajn jaqbeż il-1 %, jew

(2) il-kontenut bil-piż jew tal-bismut inkella tar-ram huwa daqs jew aktar mil-limitu speċifikat fit-tabella t'hawn fuq.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8001	**Landa mhux maħduma:**		
8001 10 00	– **Landa, mhux illigata**	B'xejn	—
8001 20 00	– **Ligi ta' landa**	B'xejn	—
8002 00 00	**Skart u fdal ta' landa**	B'xejn	—
8003 00 00	**Biċċiet sħaħ (*bars*), vireg, profili u wajer ta' landa**	B'xejn	—
[8004]			
[8005]			
[8006]			
8007 00	**Oġġetti oħrajn ta' landa:**		
8007 00 10	– Pjanċi, folji u strixxa, eħxen minn 0,2 mm	B'xejn	—
8007 00 80	– Oħrajn	B'xejn	—

KAPITLU 81

METALLI OĦRAJN TA' VALUR BAXX; ĊERMITI; OĠĠETTI TAGĦHOM

Nota għas-subtitlu

1. Nota 1 għal Kapitlu 74, li tagħti tifsira ta' "biċċiet (*bars*) u vireg", "profili", "wajer" u "pjanċi, folji, strixxa u fojl" tapplika, *mutatis mutandis,* għal dan il-kapitlu.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8101	**Tungstenu (*wolfram*) u oġġetti tiegħu, inklużi skart u fdal:**		
8101 10 00	**– Trabijiet**	5	—
	– Oħrajn::		
8101 94 00	**– – Tungstenu mhux maħdum, inklużi biċċiet (*bars*) u vireg magħmulin sempliċiment minn tgħaqqid bis-sħana**	5	—
8101 96 00	**– – Wajer**	6	—
8101 97 00	**– – Skart u fdal**	B'xejn	—
8101 99	**– – Oħrajn::**		
8101 99 10	– – – Biċċiet (*bars*) u vireg, ħlief dawk magħmulin sempliċiment minn tgħaqqid bis-sħana, profili, pjanċi, folji, strixxa u fojl	6	—
8101 99 90	– – – Oħrajn	7	—
8102	**Molibdenu u oġġetti tiegħu, inklużi skart u fdal:**		
8102 10 00	**– Trabijiet**	4	—
	– Oħrajn::		
8102 94 00	**– – Molibdenu mhux maħdum, inklużi biċċiet (*bars*) u vireg magħmulin sempliċiment minn tgħaqqid bis-sħana**	3	—
8102 95 00	**– – Biċċiet (*bars*) u vireg, ħlief dawk magħmulin sempliċiment minn tgħaqqid bis-sħana, profili, pjanċi, folji, strixxa u fojl**	5	—
8102 96 00	**– – Wajer**	6,1	—
8102 97 00	**– – Skart u fdal**	B'xejn	—
8102 99 00	**– – Oħrajn**	7	—
8103	**Tantalu u oġġetti tiegħu, inklużi skart u fdal:**		
8103 20 00	**– Tantalu mhux maħdum, inklużi biċċiet (*bars*) u vireg magħmulin sempliċiment minn tgħaqqid bis-sħana; trabijiet**	B'xejn	—
8103 30 00	**– Skart u fdal**	B'xejn	—
8103 90	**– Oħrajn::**		
8103 90 10	– – Biċċiet (*bars*) u vireg, ħlief dawk magħmulin sempliċiment minn tgħaqqid bis-sħana, profili, pjanċi, folji, strixxa u fojl	3	—
8103 90 90	– – Oħrajn	4	—
8104	**Manjeżju u oġġetti tiegħu, inklużi skart u fdal:**		
	– Manjeżju mhux maħdum::		
8104 11 00	**– – Li fihom għallinqas 99,8 % bil-piż ta' manjeżju**	5,3	—
8104 19 00	**– – Oħrajn**	4	—
8104 20 00	**– Skart u fdal**	B'xejn	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8104 30 00	**– Frak tar-raspa, bċejjeċ li jaqgħu mit-torn u ħbub, magħżulin skond il-qies; trabijiet**	4	—
8104 90 00	**– Oħrajn**	4	—
8105	***Mattes* ta' kobalt u prodotti oħrajn intermedji ta' metallurġija ta' kobalt; kobalt u oġġetti tiegħu, inklużi skart u fdal:**		
8105 20 00	**– *Mattes* ta' kobalt u prodotti intermedji oħrajn ta' metallurġija ta' kobalt; kobalt mhux maħdum; trabijiet**	B'xejn	—
8105 30 00	**– Skart u fdal**	B'xejn	—
8105 90 00	**– Oħrajn**	3	—
8106 00	**Bismut u oġġetti tiegħu, inklużi skart u fdal:**		
8106 00 10	– Bismut mhux maħdum; skart u fdal; trabijiet	B'xejn	—
8106 00 90	– Oħrajn	2	—
8107	**Kadmju u oġġetti tiegħu, inklużi skart u fdal:**		
8107 20 00	**– Kadmju mhux maħdum; trabijiet**	3	—
8107 30 00	**– Skart u fdal**	B'xejn	—
8107 90 00	**– Oħrajn**	4	—
8108	**Titanju u oġġetti tiegħu, inklużi skart u fdal:**		
8108 20 00	**– Titanju mhux maħdum; trabijiet**	5	—
8108 30 00	**– Skart u fdal**	5	—
8108 90	**– Oħrajn::**		
8108 90 30	– – Biċċiet (*bars*), vireg, profili u wajer	7	—
8108 90 50	– – Pjanċi, folji, strixxa u fojl	7	—
8108 90 60	– – Tubi u pajpijiet	7	—
8108 90 90	– – Oħrajn	7	—
8109	**Żirkonju u oġġetti tiegħu, inklużi skart u fdal:**		
8109 20 00	**– Żirkonju mhux maħdum; trabijiet**	5	—
8109 30 00	**– Skart u fdal**	B'xejn	—
8109 90 00	**– Oħrajn**	9	—
8110	**Antimonju u oġġetti tiegħu, inklużi skart u fdal:**		
8110 10 00	**– Antimonju mhux maħdum; trabijiet**	7	—
8110 20 00	**– Skart u fdal**	B'xejn	—
8110 90 00	**– Oħrajn**	7	—
8111 00	**Manganiż u oġġetti tiegħu, inklużi skart u fdal:**		
	– Manganiż mhux maħdum; skart u fdal; trabijiet::		
8111 00 11	– – Manganiż mhux maħdum; trabijiet	B'xejn	—
8111 00 19	– – Skart u fdal	B'xejn	—
8111 00 90	– Oħrajn	5	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8112	**Berillju, kromju, ġermanju, vanadju, gallju, ħafnju, indju, nijobju (kolombju), renju u tallju, oġġetti ta' dawn il-metalli, inklużi skart u fdal:**		
	– Berillju::		
8112 12 00	**– – Mhux maħdum; trabijiet**	B'xejn	—
8112 13 00	**– – Skart u fdal**	B'xejn	—
8112 19 00	**– – Oħrajn**	3	—
	– Kromju::		
8112 21	**– – Mhux maħdum; trabijiet::**		
8112 21 10	– – – Ligi li fihom aktar minn 10 % tal-piż nikil	B'xejn	—
8112 21 90	– – – Oħrajn	3	—
8112 22 00	**– – Skart u fdal**	B'xejn	—
8112 29 00	**– – Oħrajn**	5	—
	– Tallju::		
8112 51 00	**– – Mhux maħdum; trabijiet**	1,5	—
8112 52 00	**– – Skart u fdal**	B'xejn	—
8112 59 00	**– – Oħrajn**	3	—
	– Oħrajn::		
8112 92	**– – Mhux maħdumin; skart u fdal; trabijiet::**		
8112 92 10	– – – Ħafnju (ċelzju)	3	—
	– – – Nijobju (kolombju); renju; gallju; indju; vanadju; ġermanju::		
8112 92 21	– – – – Skart u fdal	B'xejn	—
	– – – – Oħrajn::		
8112 92 31	– – – – – Nijobju (kolombju); renju	3	—
8112 92 81	– – – – – Indju	2	—
8112 92 89	– – – – – Gallju	1,5	—
8112 92 91	– – – – – Vanadju	B'xejn	—
8112 92 95	– – – – – Ġermanju	4,5	—
8112 99	**– – Oħrajn:**		
8112 99 20	– – – Ħafnju (ċelzju), ġermanju	7	—
8112 99 30	– – – Nijobju (kolumbju); renju	9	—
8112 99 70	– – – Gallju; indju, vanadju	3	—
8113 00	**Ċermiti u oġġetti tagħhom, inklużi skart u fdal:**		
8113 00 20	– Mhux maħdumin	4	—
8113 00 40	– Skart u fdal	B'xejn	—
8113 00 90	– Oħrajn	5	—

KAPITLU 82

GĦODOD, TAGĦMIR, POŻATI, MGĦAREF U FRIEKET, TA' METALL TA' VALUR BAXX; BĊEJJEĊ TAGĦHOM TA' METALL TA' VALUR BAXX

Noti

1. Ħlief għal lampi għall-ħruq taż-żebgħa (*blowlamps*), foroġ li jinġarru, moli bl-istrutturi tagħħhom, settijiet ta' manikjur u pedikjur, u oġġetti ta' titlu 8209, dan il-kapitlu jkopri biss oġġetti b'xafra, b'xifer tax-xogħol, b'wiċċ tax-xogħol jew b'xi parti oħra tax-xogħol ta':

   (a) metall ta' valur baxx;

   (b) karburi jew ċermiti ta' metall;

   (ċ) ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż (naturali, artifiċjali jew rikostruwit) fuq rinforz ta' metall ta' valur baxx, karbur jew ċermit ta' metall; jew

   (d) materjali li joborxu fuq rinforz ta' metall ta' valur baxx, sakemm l-oġġetti għandhom snien, flawti, skanalaturi jew bħalhom li jaqtgħu, ta' metall ta' valur baxx, li jżommu l-identità u l-funzjoni tagħhom wara li tiġi applikata s-sustanza li tobrox.

2. Bċejjeċ ta' metall ta' valur baxx ta' l-oġġetti ta' dan il-kapitlu għandhom ikunu kklassifikati ma' l-oġġetti li minnhom jagħmlu parti, ħlief bċejjeċ speċifikati separatament bħala tali u oġġetti li jżommu l-għodda għal għodda ta' l-idejn (titlu 8466). Madankollu, bċejjeċ għal użu ġenerali kif spjegat f'nota 2 ta' Taqsima XV huma dejjem eskluži minn dan il-kapitlu.

   Irjus, xfafar u pjanċi jaqtgħu għal makkinetti tal-leħja elettriċi jew makkinetti li jaqtgħu x-xagħar elettriċi għandhom jiġu kklassifikati taħt titlu 8510.

3. Settijiet magħmulin minn sikkina jew aktar ta' titlu 8211 u għallinqas numru indaqs ta' oġġetti ta' titlu 8215 għandhom jiġu kklassifikati taħt titlu 8215.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8201	**Għodod ta' l-idejn, li ġejjin: mgħażaq, pali, fisien, bqaqen, zpapen, furkettuni u xtiebi; mnanar, ronki u għodod simili għal ħsad; *secateurs* u għodod taż-żbir ta' kull tip; mnieġel, skieken tal-ħuxlief, ġelem tas-sisien, filsa ta' l-għuda u għodod oħrajn ta' tip użati fl-agrikultura, ortikultura jew fl-imsaġar:**		
8201 10 00	– **Mgħażaq u pali**	1,7	p/st
8201 30 00	– **Fisien, bqaqen, zpapen u xtiebi**	1,7	—
8201 40 00	– **Mnanar, ronki u għodod simili għal ħsad**	1,7	—
8201 50 00	– ***Secateurs* u mqassijiet taż-żbir u ġeżżieża simili b'manku wieħed (inklużi ġeżżieża tat-tjur)**	1,7	p/st
8201 60 00	– **Ġelem tas-sisien, imqassijiet taż-żbir b'żewġ mankijiet u ġeżżieża simili b'żewġ mankijiet**	1,7	—
8201 90 00	– **Għodod oħrajn ta' tip użati fl-agrikultura, ortikultura jew fl-imsaġar**	1,7	—
8202	**Srieraq ta' l-idejn; xfafar għal srieraq ta' kull tip (inklużi xfafar ta' srieraq għat-tiċrit, għat-tixqiq jew bla snien):**		
8202 10 00	– **Srieraq ta' l-idejn**	1,7	—
8202 20 00	– **Xfafar tal-magna tas-serrar**	1,7	—
	– **Xfafar tas-srieraq tondi (inklużi xfafar ta' srieraq għat-tiċrit jew għat-tixqiq):**		
8202 31 00	– – **Bil-parti tax-xogħol ta' l-azzar**	2,7	—
8202 39 00	– – **Oħrajn, inklużi bċejjeċ**	2,7	—
8202 40 00	– **Xfafar tal-lupa**	1,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	– Xfafar ta' srieraq oħrajn:		
8202 91 00	**– – Xfafar ta' srieraq dritti, għal xogħol ta' metall**	2,7	—
8202 99	**– – Oħrajn:**		
8202 99 20	– – – Għal xogħol ta' metall	2,7	—
8202 99 80	– – – Għal xogħol fuq materjali oħrajn	2,7	—
8203	**Limi, raspi, plajers (inklużi *cutting pliers*), tnalji (*pincers*), pinzetti, imqassijiet għall-metall, għodod għall-qtugħ ta' pajpijiet, għodod għat-tqaċċit ta' boltijiet, għodod li jagħmlu t-toqob (*perforating punches*) u għodod ta' l-idejn simili:**		
8203 10 00	**– Limi, raspi u għodod simili**	1,7	—
8203 20 00	**– Plajers (inklużi *cutting pliers*), tnalji (*pincers*), pinzetti u għodod simili**	1,7	—
8203 30 00	**– Imqassijiet għall-metall u għodod simili**	1,7	—
8203 40 00	**– Għodod għall-qtugħ ta' pajpijiet, għodod għat-tqaċċit ta' boltijiet, għodod li jagħmlu t-toqob (*perforating punches*) u għodod simili**	1,7	—
8204	**Spaners u *wrenches* ta' l-idejn (inklużi *torque meter wrenches* iżda ma jinkludux *wrenches* għall-viti); sokits ta' spaners li jistgħu jinbidlu bejniethom, b'manek jew le:**		
	– Spaners u *wrenches* ta' l-idejn:		
8204 11 00	**– – Li ma jistgħux jiġu aġġustati**	1,7	—
8204 12 00	**– – Li jistgħu jiġu aġġustati**	1,7	—
8204 20 00	**– Sokits ta' spaners li jistgħu jinbidlu bejniethom, b'manek jew le**	1,7	—
8205	**Għodod ta' l-idejn (inklużi djamanti tal-vitrara), li mhumiex inklużi jew speċifikati band' oħra; lampi għall-ħruq taż-żebgħa (*blowlamps*); moros, klampijiet u bħalhom, ħlief aċċessorji għal u bċejjeċ ta', għodod bil-magna jew magni tal-qtugħ b'ġettijiet ta' ilma; inkwini; foroġ li jinġarru; moli ta' l-idejn jew li jitħaddmu bil-pedala bil-qofsa tagħhom:**		
8205 10 00	**– Għodod tat-titqib, li jaqtgħu l-kamini jew li jgħaddu l-kamini fuq ġewwa**	1,7	—
8205 20 00	**– Imrietel u mazez**	3,7	—
8205 30 00	**– Ċani, furmaturi, żgorbji u għodod simili tal-qtugħ għal xogħol fl-għuda**	3,7	—
8205 40 00	**– Turnaviti**	3,7	—
	– Għodod oħrajn ta' l-idejn (inklużi djamanti tal-vitrara):		
8205 51 00	**– – Għodod tad-dar**	3,7	—
8205 59	**– – Oħrajn:**		
8205 59 10	– – – Għodod għal bennejja, mudellaturi, ħaddiema tas-siment, kaħħala u bajjada	3,7	—
8205 59 80	– – – Oħrajn	2,7	—
8205 60 00	**– Lampi għall-ħruq taż-żebgħa (*blowlamps*)**	2,7	—
8205 70 00	**– Moros, klampijiet u bħalhom**	3,7	—
8205 90	**– Oħrajn, inklużi settijiet ta' oġġetti ta' tnejn jew aktar mis-subtitli ta' dan it-titlu:**		
8205 90 10	– – Inkwini; foroġ li jinġarru; moli ta' l-idejn jew li jitħaddmu bil-pedala bil-qofsa tagħhom	2,7	—
8205 90 90	– – Settijiet ta' oġġetti ta' tnejn jew aktar mis-subtitli ta' dan it-titlu	3,7	—
8206 00 00	**Għodod ta' tnejn jew aktar mit-titli 8202 sa 8205, ippreżentati għal bejgħ bl-imnut f'settijiet**	3,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8207	**Għodod li jistgħu jinbidlu bejniethom għal għodod ta' l-idejn, li jaħdmu permezz ta' muturi jew le, jew għal għodod ta' magni (per eżempju, ta' l-ippressar, ta' l-istampar (*stamping*), jagħmlu toqob, jaqtgħu kamini minn ġewwa u minn barra, għal titqib, tħaffir, tisfid, irfinar ta' uċuħ (*milling*), inturnar jew invitar), inklużi dadi għal ġbid jew ħruġ ta' metalli, u għodod għal tħaffir ta' blat jew toqob fl-art:**		
	– Għodod għal tħaffir ta' blat jew toqob fl-art:		
8207 13 00	**– – Bil-parti tax-xogħol ta' ċermiti**	2,7	—
8207 19	**– – Oħrajn, inklużi bċejjeċ:**		
8207 19 10	– – – Bil-parti tax-xogħol ta' djamant jew djamant agglomerat	2,7	—
8207 19 90	– – – Oħrajn	2,7	—
8207 20	**– Dadi għal ġbid jew ħruġ ta' metall:**		
8207 20 10	– – Bil-parti tax-xogħol ta' djamant jew djamant agglomerat	2,7	—
8207 20 90	– – Bil-parti tax-xogħol ta' materjali oħrajn	2,7	—
8207 30	**– Għodod ta' l-ippressar, ta' l-istampar (*stamping*) jew li jagħmlu t-toqob:**		
8207 30 10	– – Għal xogħol ta' metall	2,7	—
8207 30 90	– – Oħrajn	2,7	—
8207 40	**– Għodod li jaqtgħu kamini minn ġewwa jew minn barra:**		
	– – Għal xogħol ta' metall:		
8207 40 10	– – – Għodod li jaqtgħu kamini fuq ġewwa	2,7	—
8207 40 30	– – – Għodod li jaqtgħu kamini fuq barra	2,7	—
8207 40 90	– – Oħrajn	2,7	—
8207 50	**– Għodod għal titqib, ħlief għat-titqib ta' blat:**		
8207 50 10	– – Bil-parti tax-xogħol ta' djamant jew djamant agglomerat	2,7	—
	– – Bil-parti tax-xogħol ta' materjali oħrajn:		
8207 50 30	– – – Żgorbji għal ġebel	2,7	—
	– – – Oħrajn:		
	– – – – Għal xogħol ta' metall, bil-parti tax-xogħol:		
8207 50 50	– – – – – Ta' ċermiti	2,7	—
8207 50 60	– – – – – Ta' azzar għal veloċità qawwija	2,7	—
8207 50 70	– – – – – Ta' materjali oħrajn	2,7	—
8207 50 90	– – – – Oħrajn	2,7	—
8207 60	**– Għodod għat-tħaffir jew għat-tisfid:**		
8207 60 10	– – Bil-parti tax-xogħol ta' djamant jew djamant agglomerat	2,7	—
	– – Bil-parti tax-xogħol ta' materjali oħrajn:		
	– – – Għodod għat-tħaffir:		
8207 60 30	– – – – Għal xogħol ta' metall	2,7	—
8207 60 50	– – – – Oħrajn	2,7	—
	– – – Għodod għat-tisfid:		
8207 60 70	– – – – Għal xogħol ta' metall	2,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8207 60 90	– – – – Oħrajn	2,7	—
8207 70	**– Għodod għal irfinar ta' uċuħ (*milling*):**		
	– – Għal xogħol ta' metall, bil-parti tax-xogħol:		
8207 70 10	– – – Ta' ċermiti	2,7	—
	– – – Ta' materjali oħrajn:		
8207 70 31	– – – – Tip ta' marloċċ (*shank type*)	2,7	—
8207 70 37	– – – – Oħrajn	2,7	—
8207 70 90	– – Oħrajn	2,7	—
8207 80	**– Għodod għal inturnar:**		
	– – Għal xogħol ta' metall, bil-parti tax-xogħol:		
8207 80 11	– – – Ta' ċermiti	2,7	—
8207 80 19	– – – Ta' materjali oħrajn	2,7	—
8207 80 90	– – Oħrajn	2,7	—
8207 90	**– Għodod oħrajn li jistgħu jinbidlu bejniethom:**		
8207 90 10	– – Bil-parti tax-xogħol ta' djamant jew djamant agglomerat	2,7	—
	– – Bil-parti tax-xogħol ta' materjali oħrajn:		
8207 90 30	– – – Biċċiet (ponot) għat-turnavit	2,7	—
8207 90 50	– – – Għodod għall-qtugħ tal-gerijiet	2,7	—
	– – – Oħrajn, bil-parti tax-xogħol:		
	– – – – Ta' ċermiti:		
8207 90 71	– – – – – Għal xogħol ta' metall	2,7	—
8207 90 78	– – – – – Oħrajn	2,7	—
	– – – – Ta' materjali oħrajn:		
8207 90 91	– – – – – Għal xogħol ta' metall	2,7	—
8207 90 99	– – – – – Oħrajn	2,7	—
8208	**Skieken u xfafar li jaqtgħu, għal magni jew għal tagħmir mekkaniku:**		
8208 10 00	**– Għal xogħol ta' metall**	1,7	—
8208 20 00	**– Għal xogħol ta' għuda**	1,7	—
8208 30 00	**– Għal tagħmir tal-kċina jew għal magni użati mill-industrija ta' l-ikel**	1,7	—
8208 40 00	**– Għal magni agrikulturali, ortikulturali jew ta' l-imsaġar**	1,7	—
8208 90 00	**– Oħrajn**	1,7	—
8209 00	**Pjanċi, bsaten, ponot u bħalhom għal għodod, mhux immuntati, ta' ċermiti:**		
8209 00 20	– Inserzjonijiet li jistgħu jiġu indiċjati	2,7	—
8209 00 80	– Oħrajn	2,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8210 00 00	**Tagħmir mekkaniku ta' l-idejn, jiżen 10kg jew inqas, użat fil-preparazzjoni, kondizzjonar jew tqassim ta' ikel jew xorb**	2,7	—
8211	**Skieken bi xfafar li jaqtgħu, bis-snien jew le (inklużi skieken taż-żbir), ħlief skieken ta' titlu 8208, u xfafar għalihom:**		
8211 10 00	**– Settijiet ta' oġġetti mħalltin**	8,5	—
	– Oħrajn:		
8211 91 00	**– – Skieken tal-mejda bi xfafar fissi**	8,5	—
8211 92 00	**– – Skieken oħrajn bi xfafar fissi**	8,5	—
8211 93 00	**– – Skieken bi xfafar oħrajn mhux fissi**	8,5	—
8211 94 00	**– – Xfafar**	6,7	—
8211 95 00	**– – Manek ta' metall ta' valur baxx**	2,7	—
8212	**Għodod għat-tqaxxir tal-leħja u xfafar tal-leħja (inklużi xfafar tal-leħja vojta (*blanks*) fi strixxi):**		
8212 10	**– Għodod għat-tqaxxir tal-leħja:**		
8212 10 10	– – Għodod bis-sigurtà għat-tqaxxir tal-leħja bi xfafar li ma jinbidlux	2,7	p/st
8212 10 90	– – Oħrajn	2,7	p/st
8212 20 00	**– Xfafar tal-leħja, inklużi xfafar tal-leħja vojta (*blanks*) fi strixxi**	2,7	1 000 p/st
8212 90 00	**– Bċejjeċ oħrajn**	2,7	—
8213 00 00	**Imqassijiet, ġelem tal-ħajjata u ġliem simili, u xfafar tagħhom**	4,2	—
8214	**Oġġetti oħrajn ta' pożati (per eżempju, qattiegħa tax-xagħar, skieken b'xafra wiesgħa tal-biċċiera jew tal-kċina, mannari u skieken ta' l-ikkapuljat, taljakarti); settijiet u strumenti ta' manikjur jew pedikjur (inklużi limi tad-dwiefer):**		
8214 10 00	**– Taljakarti, fettieħ ta' l-ittri, skieken li jħassru, temprini tal-lapsijiet u xfafar tagħhom**	2,7	—
8214 20 00	**– Settijiet u strumenti ta' manikjur jew ta' pedikjur (inklużi limi tad-dwiefer)**	2,7	—
8214 90 00	**– Oħrajn**	2,7	—
8215	**Mgħaref, frieket, kuċċaruni, xkumaturi, *cake servers*, skieken tal-ħut, skieken tal-butir, pinzetti taz-zokkor u oġġetti simili tal-kċina jew tal-mejda:**		
8215 10	**– Settijiet ta' oġġetti mħalltin li fihom għallinqas oġġett wieħed miksi b'metall prezzjuż:**		
8215 10 20	– – Li fihom biss oġġetti miksijin b'metall prezzjuż	4,7	—
	– – Oħrajn:		
8215 10 30	– – – Ta' *stainless steel*	8,5	—
8215 10 80	– – – Oħrajn	4,7	—
8215 20	**– Settijiet oħrajn ta' oġġetti mħalltin:**		
8215 20 10	– – Ta' *stainless steel*	8,5	—
8215 20 90	– – Oħrajn	4,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	– **Oħrajn:**		
8215 91 00	– – **Miksijin b'metall prezzjuż**	4,7	—
8215 99	– – **Oħrajn:**		
8215 99 10	– – – Ta' *stainless steel*	8,5	—
8215 99 90	– – – Oħrajn	4,7	—

KAPITLU 83

TAĦLITA TA' OĠĠETTI TA' METALL TA' VALUR BAXX

Noti

1. Għall-għanijiet ta' dan il-kapitlu, partijiet ta' metall ta' valur baxx għandhom ikunu kklassifikati ma' l-oġġetti li ġejjin minnhom. Madankollu, oġġetti ta' ħadid jew azzar ta' titlu 7312, 7315, 7317, 7318 jew 7320, jew oġġetti simili ta' metall ieħor ta' valur baxx (Kapitli 74 sa 76 u 78 sa 81) ma għandhomx jitqiesu bħala partijiet ta' oġġetti ta' dan il-kapitlu.

2. Għall-għanijiet ta' titlu 8302, il-kelma "*castors*" tfisser dawk ir-roti jduru għas-saqajn ta' xi mobbli b'dijametru (inklużi, fejn ikun il-każ, tajers) mhux aktar minn 75 mm, jew dawk b'dijametru (inklużi, fejn ikun il-każ, tajers) iktar minn 75 mm sakemm il-wisa' tar-rota jew tajer imwaħħal magħhom hija inqas minn 30 mm.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8301	**Katnazzi u serraturi (imħaddmin biċ-ċwievet, bil-kumbinazzjoni jew bl-elettriku), ta' metall ta' valur baxx; qfil bil-molla u gwarniċi bil-qfil bil-molla, bis-serraturi fihom, ta' metall ta' valur baxx; ċwievet għal l-oġġetti msemmijin fuq, ta' metall ta' valur baxx:**		
8301 10 00	**– Katnazzi**	2,7	—
8301 20 00	**– Serraturi ta' tip użati għal vetturi bil-mutur**	2,7	—
8301 30 00	**– Serraturi ta' tip użati għal għamara**	2,7	—
8301 40	**– Serraturi oħrajn::**		
	– – Serraturi użati għal bibien ta' bini::		
8301 40 11	– – – Ċilindru	2,7	—
8301 40 19	– – – Oħrajn	2,7	—
8301 40 90	– – Serraturi oħrajn	2,7	—
8301 50 00	**– Qfil bil-molla u gwarniċi bil-qfil bil-molla, bis-serraturi fihom**	2,7	—
8301 60 00	**– Partijiet**	2,7	—
8301 70 00	**– Ċwievet ippreżentati separatament**	2,7	—
8302	**Fornituri, tagħmir u oġġetti simili ta' metall ta' valur baxx tajbin għal għamara, bibien, turġien, twieqi, persjani, qofsa ta' vetturi, sruġ, bagolli, sniedaq, kaxxetti jew bħalhom; dniedel tal-kpiepel, witet tal-kpiepel, brazzi u apparat ta' metall ta' valur baxx; *castors* bl-immuntar ta' metall ta' valur baxx; għeluq awtomatiċi ta' metall ta' valur baxx għal bibien:**		
8302 10 00	**– Ċappetti**	2,7	—
8302 20 00	**– *Castors***	2,7	—
8302 30 00	**– Fornituri, tagħmir u oġġetti simili oħrajn tajbin għal vetturi bil-muturi**	2,7	—
	– Fornituri, tagħmir u oġġetti simili oħrajn::		
8302 41	**– – Tajbin għal bini:**		
8302 41 10	– – – Għall-bibien	2,7	—
8302 41 50	– – – Għat-twieqi u t-twieqi Franċiżi	2,7	—
8302 41 90	– – – Oħrajn	2,7	—
8302 42 00	**– – Oħrajn, tajbin għal għamara**	2,7	—
8302 49 00	**– – Oħrajn**	2,7	—
8302 50 00	**– Dniedel tal-kpiepel, witet tal-kpiepel, brazzi u apparat simili**	2,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8302 60 00	**– Għeluq awtomatiċi għal bibien**	2,7	—
8303 00	**Kaxxaforti, kaxxi u bibien rinfurzati u kompartimenti għal depożiti fiż-żgur għal kmamar rinfurzati (*strong rooms*), kaxxi għal flus jew għal dokumenti u bħalhom korazzati jew rinforzati, ta' metall ta' valur baxx:**		
8303 00 40	– Kaxxaforti, kaxxi u bibien rinfurzati u kompartimenti għal depożiti fiż-żgur għal kmamar rinfurzati (*strong rooms*)	2,7	—
8303 00 90	– Kaxxi għal flus jew għal dokumenti u bħalhom	2,7	—
8304 00 00	**Kabinetti għal iffajljar, kabinetti għal skedarji, trejs għal karti, serħ għal karti, trejs għal pinen, dendiela għat-timbri ta' l-uffiċċju u tagħmir simili għall-uffiċċju jew għall-iskrivanija, ta' metall ta' valur baxx, ħlief għamara għall-uffiċċju ta' titlu 9403**	2,7	—
8305	**Armar għal qxur jew fajls għal folji jiġru, klipps għall-ittri, kantunieri għall-ittri, *paper-clips*, tikketti ta' indiċjar u oġġetti ta' l-uffiċċju simili, ta' metall ta' valur baxx; stejpils fi strixxi (per eżempju, għal uffiċċji, tapizzerija, ippakkjar), ta' metall ta' valur baxx:**		
8305 10 00	**– Armar għal qxur jew fajls għal folji jiġru**	2,7	—
8305 20 00	**– Stejpils fi strixxi**	2,7	—
8305 90 00	**– Oħrajn, inklużi partijiet**	2,7	—
8306	**Qniepen, gongi u bħalhom, mhux ta' l-elettriku, ta' metall ta' valur baxx; statwetti u ornamenti oħrajn, ta' metall ta' valur baxx; gwarniċi għar-ritratti, għall-istampi jew gwarniċi simili, ta' metall ta' valur baxx; mirja ta' metall ta' valur baxx:**		
8306 10 00	**– Qniepen, gongi u bħalhom**	B'xejn	—
	– Statwetti u ornamenti oħrajn::		
8306 21 00	**– – Miksijin b'metall prezzjuż**	B'xejn	—
8306 29 00	**– – Oħrajn:**	B'xejn	—
8306 30 00	**– Gwarniċi għar-ritratti, għall-istampi jew gwarniċi simili; mirja**	2,7	—
8307	**Tubi flessibbli ta' metall ta' valur baxx, bit-tagħmir magħhom jew le:**		
8307 10 00	**– Ta' ħadid jew azzar**	2,7	—
8307 90 00	**– Ta' metall ieħor ta' valur baxx**	2,7	—
8308	**Qfil bil-molla, gwarniċi bil-qfil bil-molla, bokkli, bokkli bil-molla, ganċijiet, kurketti, radanċi u oġġetti bħal dawn, magħmulin minn metall ta' valur baxx, ta' tip użat għall-ilbies jew għall-aċċessorji tal-ilbies, għax-xedd tas-saqajn, għall-ġojjelli, għall-arloġġi tal-idejn, għall-kotba, għat-tined, għall-oġġetti tal-ġilda, għall-oġġetti għall-ivvjaġġar jew għas-sarraġ jew għal oġġeti maħdumin oħra; rivits forma ta' tubi jew maqsumin, magħmula minn metall ta' valur baxx; żibeġ u antaċċoli magħmulin minn metall ta' valur baxx:**		
8308 10 00	**– Ganċijiet, kurketti u radanċi**	2,7	—
8308 20 00	**– Rivits tubulari jew mifruqin fi tnejn**	2,7	—
8308 90 00	**– Oħrajn, inklużi partijiet**	2,7	—
8309	**Tappijiet (inklużi tappini, tappijiet bil-kamin u tappijiet sabiex tferra'), għotjien, kapsuli għal fliexken, tappijiet bil-kamin ta' bittija/ġarra, kuperċi tat-tappijiet, siġilli u aċċessorji oħrajn għall-imballaġġ magħmula minn metalli komuni:**		
8309 10 00	**– Tappijiet bis-sufra (*crown corks*)**	2,7	—
8309 90	**– Oħrajn::**		
8309 90 10	– – Kapsuli taċ-ċomb, kapsuli ta' l-aluminju ta' dijametru ikbar minn 21 mm	3,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
8309 90 90	– – Oħrajn	2,7	—
8310 00 00	**Pjanċi tas-sinjali, pjanċi bl-isem, pjanċi bl-indirizz u pjanċi simili, numri, ittri u simboli oħrajn, ta' metall ta' valur baxx, ħlief dawk ta' titlu 9405**	2,7	—
8311	**Wajer, vireg, tubi, pjanċi, elettrodi u prodotti simili, ta' metall ta' valur baxx jew ta' karburi ta' metall, miksijin jew bil-qalba b'materjal li jgħin fit-tidwib (*flux*), ta' tip użat għall-istannjar, ibbrejżjar, iwweldjar jew depożizzjoni ta' metall jew ta' karburi ta' metall; wajer u vireg, ta' trab agglomerat ta' metall ta' valur baxx, użat għal sprejjar ta' metall:**		
8311 10 00	**– Elettrodi miksijin ta' metall ta' valur baxx, għal iwweldjar b'arka elettrika: ....**	2,7	—
8311 20 00	**– Wajer bil-qalba ta' metall ta' valur baxx, għal iwweldjar b'arka elettrika .....**	2,7	—
8311 30 00	**– Vireg miksijin u wajer bil-qalba, ta' metall ta' valur baxx, għall-istannjar, ibbrejżjar jew iwweldjar bi fjamma .....**	2,7	—
8311 90 00	**– Oħrajn .....**	2,7	—

TAQSIMA XVI

MAKKINARJU U GĦODOD MEKKANIĊI; APPARAT ELETTRIKU; PARTIJIET TAGĦHOM; STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U STRUMENTI LI JIRRIPRODUĊU L-ĦOSS; STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U STRUMENTI LI JIRRIPRODUĊU STAMPA U ĦOSS TELEVIŻIVI U PARTIJIET U AĊĊESSORJI TA' DAWN L-OĠĠETTI

Noti

1. Din it-taqsima ma tkoprix:

   (a) ċineg jew tagħmir ċineg tat-trasmissjoni, tal-plastik ta' Kapitlu 39, jew ta' gomma vvulkanizzata (titlu 4010); jew oġġetti oħrajn ta' tip użat f'makkinarju jew f'apparat mekkaniku jew elettriku jew għal użi tekniċi oħrajn, ta' gomma vvulkanizzata ħlief gomma iebsa (titlu 4016);

   (b) oġġetti ta' ġilda jew ta' ġilda artifiċjali (titlu 4205) jew ta' fer (titlu 4303), ta' tip użat f'makkinarju jew f'apparat mekkaniku jew għal użi tekniċi oħrajn;

   (ċ) bobini, irkiekel, imgħażel, koni, ċentri, imħalel jew irfid simili, ta' kwalunkwe materjal (per eżempju, Kapitlu 39, 40, 44 jew 48 jew Taqsima XV);

   (d) biljetti mtaqqbin għal magni *jacquard* jew magni simili (per eżempju, Kapitlu 39 jew 48 jew Taqsima XV);

   (e) ċineg jew tagħmir ċineg tat-trasmissjoni, ta' materjal ta' tessuti (titlu 5910) jew oġġetti oħrajn ta' materjal ta' tessuti għal użi tekniċi (titlu 5911);

   (f) ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż (naturali, sintetiku jew rikostruwit) ta' titli 7102 sa 7104, jew oġġetti kollha kemm huma tal-ħaġar ta' titlu 7116, ħlief żaffiri u djamanti maħdumin mhux ingastati għal labar tal-gramafown (*styli*) (titlu 8522);

   (g) partijiet għal użu ġenerali, kif spjegat f'nota 2 għal Taqsima XV, ta' metall ta' valur baxx (Taqsima XV), jew oġġetti simili ta' plastiks (Kapitlu 39);

   (h) pajp għat-tħaffir (titlu 7304);

   (ij) ċineg bla truf ta' wajer tal-metall jew strixxa (Taqsima XV);

   (k) oġġetti ta' Kapitlu 82 jew 83;

   (l) oġġetti ta' Taqsima XVII;

   (m) oġġetti ta' Kapitlu 90;

   (n) arloġġi, arloġġi ta' l-idejn jew oġġetti oħrajn ta' Kapitlu 91;

   (o) għodod li jistgħu jinbidlu bejniethom ta' titlu 8207 jew xkupilji ta' tip użati bħala partijiet ta' magni (titlu 9603); għodod simili li jistgħu jinbidlu bejniethom għandhom ikunu kklassifikati skond il-materjal li minnu magħmula l-parti tax-xogħol (per eżempju, f'Kapitlu 40, 42, 43, 45 jew 59 jew titlu 6804 jew 6909);

   (p) oġġetti ta' Kapitlu 95; jew

   (q) żigarelli tat-tajprajters jew simili għalihom, kemm fuq l-irkiekel jew il-kartriġis kif ukoll jekk le (ikklassifikati skont il-materjal kostitwenti tagħhom, jew fl-intestatura 9612 jekk ikunu bil-linka jew b'xi mod ieħor ippreparati għall-istampar), jew monopodi, bipodi, tripodi u oġġetti simili, tal-intestatura 9620.

2. Suġġett għal nota 1 għal din it-taqsima, nota 1 għal Kapitlu 84 u nota 1 għal Kapitlu 85, partijiet ta' magni (li mhumiex bċejjeċ tal-oġġetti ta' titlu 8484, 8544, 8545, 8546 jew 8547) għandhom ikunu kklassifikati skond dawn ir-regoli:

   (a) Bċejjeċ li huma oġġetti inklużi f'xi wieħed mit-titli ta' Kapitlu 84 jew 85 (ħlief it-titli 8409, 8431, 8448, 8466, 8473, 8487, 8503, 8522, 8529, 8538 u 8548) għandhom fil-każijiet kollha jkunu kklassifikati fit-titli rispettivi tagħhom.

   (b) Bċejjeċ oħrajn, jekk tajbin għal użu biss jew prinċipalment ma' tip partikulari ta' magna, jew ma' numru ta' magni tal-istess titlu (inkluża magna ta' titlu 8479 jew 8543) għandhom ikunu kklassifikati mal-magni ta' dak it-tip jew f'titlu 8409, 8431, 8448, 8466, 8473, 8503, 8522, 8529 jew 8538 kif xieraq. Madankollu, partijiet li huma ugwalment tajbin għal użu prinċipalment mal-oġġetti ta' titli 8517 u 8525 sa 8528 għandhom ikunu kklassifikati f'titlu 8517.

   (ċ) Il-partijiet l-oħrajn kollha għandhom ikunu kklassifikati f'titlu 8409, 8431, 8448, 8466, 8473, 8503, 8522, 8529 jew 8538 kif xieraq jew, jekk le, f'titlu 8487 jew 8548.

3. Sakemm il-kuntest ma jesiġix mod ieħor, magni komposti magħmulin minn żewġ magni jew aktar mwaħħlin flimkien biex jagħmlu waħda u magni oħrajn maħsubin bil-għan li jagħmlu żewġ funzjonijiet kumplimentari jew alternattivi jew aktar għandhom jiġu kklassifikati daqslikieku magħmulin biss minn dak il-komponent jew huma dik il-magna li tagħmel il-funzjoni prinċipali.

4. Fejn magna (inkluża taħlita ta' magni) tikkonsisti f'komponenti individwali (kemm jekk separati kif jekk imwaħħlin flimkien b'pajpijiet, b'mezzi ta' trasmissjoni, b'kejbils ta' l-elettriku jew b'mezzi oħrajn) maħsubin biex jikkontribwixxu flimkien għal funzjoni definita ċar koperti b'wieħed mit-titli f'Kapitlu 84 jew 85, hekk kollox jaqa' biex ikun ikklassifikat fit-titlu xieraq għal dik il-funzjoni.

5. Għall-għanijiet ta' dawn in-noti, l-espressjoni "magna" tfisser kull magna, makkinarju, impjant, tagħmir, apparat jew għodda imsemmijin fit-titli ta' Kapitlu 84 jew 85.

Noti addizzjonali

1. *Għodod meħtieġa għall-immuntar jew manutenzjoni ta' magni għandhom ikunu kklassifikati ma' dawk il-magni jekk impurtati magħhom. Għodod li jistgħu jinbidlu bejniethom impurtati ma' magni għandhom ukoll ikunu kklassifikati magħhom jekk jagħmlu parti mit-tagħmir normali tal-magni u normalment jinbiegħu magħhom.*

2. *Jekk id-dwana titlob dan, id-dikjarant għandu jipproduċi, biex isostni d-dikjarazzjoni tiegħu, dokument bl-istampi (per eżempju, struzzjonijiet, prospektus, paġna minn katalgu, ritratt) li jagħti d-deskrizzjoni normali tal-magna, l-użi tagħha u l-karatteristiċi essenzjali u, fil-każ ta' magna mhux immuntata jew żarmata, pjanta ta' l-immuntar u lista tal-kontenut tad-diversi pakki.*

3. *Il-provvedimenti ta' regola ġenerali 2 (a) japplikaw ukoll, fuq it-talba tad-dikjarant u suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet kompetenti, għal magni impurtati f'kunsinni maqsumin.*

KAPITLU 84

REATTURI NUKLEARI, KALDARUNI (BOILERS), MAKKINARJU U GĦODOD MEKKANIĊI; PARTIJIET TAGĦHOM

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

   (a) ħaġar tal-mitħna, ħaġar tal-mola jew oġġetti oħrajn ta' Kapitlu 68;

   (b) makkinarju jew għodod (per eżempju, pompi) ta' materjal ċeramiku u partijiet taċ-ċeramika ta' makkinarju jew għodod ta' kwalunkwe materjal (Kapitlu 69);

   (ċ) oġġetti tal-ħġieġ tal-laboratorju (titlu 7017); makkinarju, għodod jew oġġetti oħrajn għal użi tekniċi jew partijiet tagħhom, ta' ħġieġ (titlu 7019 jew 7020);

   (d) oġġetti ta' titlu 7321 jew 7322 jew oġġetti simili ta' metalli oħrajn ta' valur baxx (Kapitli 74 sa 76 jew 78 sa 81);

   (e) *vacuum cleaners* ta' titlu 8508;

   (f) għodod domestiċi elettro-mekkaniċi ta' titlu 8509; magni tar-ritratti diġitali ta' titlu 8525;

   (g) radjaturi għall-oġġetti tat-Taqsima XVII; jew

   (h) magni mekkaniċi ta' l-idejn tal-knis ta' l-art, mingħajr mutur (titlu 9603).

2. Suġġett għat-tħaddim ta' nota 3 għal Taqsima XVI u suġġett għal nota 9 ta' dan il-kapitlu, magna jew għodda li jikkorrispondu għal deskrizzjoni f'wieħed jew f'aktar mit-titli 8401 sa 8424, jew titlu 8486 u fl-istess ħin għal deskrizzjoni f'wieħed jew ieħor mit-titli 8425 sa 8480 għandha tkun ikklassifikata f'titlu xieraq mill-grupp ta' qabel jew f'titlu 8486, skond kif ikun il-każ, u mhux fil-grupp tal-aħħar.

   Titlu 8419, madankollu, ma jkoprix:

   (a) impjant għal ġelbin, inkubaturi jew apparat għat-trobbija artifiċjali ta' flieles (titlu 8436);

   (b) magni biex iniddu l-qamħ (titlu 8437);

   (ċ) apparat għat-tixrid għall-estrazzjoni ta' meraq taz-zokkor (titlu 8438);

   (d) makkinarju għat-trattament bis-sħana ta' ħjut ta' tessuti, drapp jew oġġetti maħdumin ta' tessuti (titlu 8451); jew

   (e) makkinarju, tagħmir tal-impjanti jew tal-laboratorju, maħsub għal xogħol mekkaniku, fejn bidla f'temperatura, anke jekk meħtieġa, hija sussidjarja.

Titlu 8422 ma jkoprix:

(a) magni tal-ħjata biex jagħlqu boroż jew kontenituri simili (titlu 8452); jew

(b) makkinarju ta' l-uffiċċju ta' titlu 8472.

Titlu 8424 ma jkoprix:

(a) magni tal-istampar b'ġettijiet tal-linka (titlu 8443);

(b) magni tal-qtugħ b'ġettijiet tal-ilma (titlu 8456).

3. Għodda ta' magna biex jinħadem kull materjal li toqgħod għal deskrizzjoni f'titlu 8456 u fl-istess ħin għal deskrizzjoni f'titlu 8457, 8458, 8459, 8460, 8461, 8464 jew 8465 għandha tkun ikklassifikata f'titlu 8456.

4. Titlu 8457 japplika biss għal għodod ta' magni biex jinħadem metall, ħlief tornijiet (inklużi ċentri għall-inturnjar), li jistgħu jagħmlu tipi differenti ta' xogħol ta' magni jew:

(a) b'bidla awtomatika ta' għodda minn kompartiment jew bħalu skond programm ta' xogħol tal-magna (ċentri ta' xogħol ta' magni);

(b) bl-użu awtomatiku, flimkien jew wara xulxin, ta' rjus ta' xogħol differenti fuq post fiss fejn irid isir ix-xogħol (*workpiece*) (magni ta' kostruzzjoni ta' unità waħda, stazzjon wieħed); jew

(ċ) bit-trasferiment awtomatiku tal-post fejn irid isir ix-xogħol (*workpiece*) għal irjus ta' unità differenti (magni ta' trasferiment b'ħafna stazzjonijiet).

5. (A) Għall-għanijiet ta' titlu 8471, l-espressjoni "magni awtomatiċi għal ipproċessar tad-data" tfisser magni li huma kapaċi li:

(1) jaħżnu l-programm jew programmi ta' ipproċessar u mill-anqas id-data meħtieġa minnufih għat-twettiq tal-programm;

(2) huma pprogrammati bla tfixkil skond il-ħtiġijiet ta' min jużahom;

(3) jaħdmu komputazzjonijiet aritmetiċi speċifikati minn min jużahom; u

(4) iwettqu mingħajr intervent uman, programm ta' ipproċessar li jkun jeħtiġhom jibdlu l-ħidma tagħhom, b'deċiżjoni loġika matul il-mixja ta' l-ipproċessar.

(B) Magni awtomatiċi għal ipproċessar ta' data jistgħu jkunu f'għamla ta' sistemi li jikkonsistu minn numru varjabbli ta' unitajiet separati.

(Ċ) Suġġett għal paragrafi (D) u (E) hawn taħt, unità għandha titqies bħala parti minn sistema awtomatika ta' pproċessar ta' data jekk tilħaq il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(1) hija ta' tip użat biss jew prinċipalment f'sistema awtomatika għal ipproċessar ta' data;

(2) tista' titqabbad ma' l-unità ċentrali ta' pproċessar jew direttament jew permezz ta' unità oħra jew aktar;

(3) tista' tilqa' jew twassal data f'forma (kowds jew sinjali) li tista' tintuża mis-sistema.

Unitajiet ta' magna awtomatika ta' l-ipproċessar ta' data ppreżentati b'mod separat, għandhom ikunu kklassifikati f'titlu 8471.

Minkejja dan, tastieri, mezzi ta' dħul ta' data b'koordinati X-Y u unitajiet ta' diski għal ħażna li jilħqu l-kundizzjonijiet ta' paragrafi (C)(2) u (C)(3) hawn fuq, għandhom fil-każijiet kollha jkunu kklassifikati bħala unitajiet ta' titlu 8471.

(D) Titlu 8471 ma jkoprix dawn li ġejjin meta jkunu ppreżentati b'mod separat, anki jekk jilħqu l-kundizzjonijiet kollha stipulati fin-nota 5(C) hawn fuq:

(1) printers, fotokopjaturi, magni tal-faksimile, kemm jekk magħqudin u kemm jekk mhumiex;

(2) tagħmir għat-trasmissjoni jew riċezzjoni ta' vuċi, immaġni jew forom ta' data oħra, inkluż apparat għal komunikazzjoni f'netwerk ikkollegat bil-wajer jew bla wajer (bħal netwerk ta' żona lokali jew ta' żona wiesgħa);

(3) lawdspikers u mikrofoni;

(4) kameras tat-televiżjoni, kameras diġitali u vidjokameras li jirrekordjaw;

(5) moniters u proġekters, li ma jinkorporawx apparat ta' riċezzjoni televiżiva.

(E) Magni li jinkorporaw jew li jaħdmu flimkien ma' magna awtomatika għal ipproċessar ta' data u li jwettqu funzjoni speċifika barra l-ipproċessar ta' data għandhom ikunu kklassifikati fit-titli xierqa għall-funzjonijiet rispettivi tagħhom jew, f'nuqqas ta' dan, fit-titli li jibqa'.

6. Titlu 8482 japplika, *inter alia*, għal boċċi ta' l-azzar illustrati, li d-dijametri massimi u minimi tagħhom ma humiex differenti mid-dijametru nominali b'iktar minn 1 % jew b'iktar minn 0,05 mm, skond liema huwa l-inqas.

Boċċi oħrajn ta' l-azzar għandhom ikunu kklassifikati f'titlu 7326.

7. Magna li tintuża għal aktar minn skop wieħed għandha titqies, għall-għanijiet ta' klassifikazzjoni, daqslikieku l-iskop prinċipali tagħha kien l-iskop ewlieni tagħha.

